II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLI TA' PROĊEDURA

REGOLI TAL-PROĊEDURA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

Werrej

DISPOŻIZZJONI PRELIMINARI 6

Artikolu 1 **Definizzjonijiet** 6

TITOLU I **FUQ L-ORGANIZZAZZJONI TAT-TRIBUNAL** 7

KAPITOLU I ***Fuq il-Presidenza u l-membri tat-Tribunal*** 7

Artikolu 2 **Perijodu tal-mandat tal-Imħallfin** 7

Artikolu 3 **Teħid ta' ġurament** 7

Artikolu 4 **Impenn solenni** 7

Artikolu 5 **Tneħħija mill-kariga ta' Mħallef** 7

Artikolu 6 **Ordni** 8

Artikolu 7 **Elezzjoni tal-President tat-Tribunal** 8

Artikolu 8 **Responsabbiltajiet tal-President tat-Tribunal** 8

Artikolu 9 **Sostituzzjoni tal-President tat-Tribunal** 9

KAPITOLU II ***Fuq il-kulleġġi ġudikanti*** 9

Artikolu 10 **Kulleġġi ġudikanti** 9

Artikolu 11 **Kostituzzjoni tal-awli** 9

Artikolu 12 **Presidenti ta' awla** 9

Artikolu 13 **Kulleġġ ġudikanti ordinarju — Assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli** 9

Artikolu 14 **Riassenjazzjoni ta' kawża lis-seduta plenarja jew lill-awla b'ħames Imħallfin** 10

Artikolu 15 **Riassenjazzjoni ta' kawża lil Imħallef uniku** 10

KAPITOLU III ***Fuq ir-Reġistru u fuq id-dipartimenti*** 10

Taqsima 1 — **Fuq ir-Reġistru** 10

Artikolu 16 **Ħatra tar-Reġistratur** 10

Artikolu 17 **Tmiem il-kariga tar-Reġistratur** 11

Artikolu 18 **Assistent Reġistratur** 11

Artikolu 19 **Assenza jew impediment tar-Reġistratur** 11

Artikolu 20 **Responsabbiltajiet tar-Reġistratur** 11

Artikolu 21 **Żamma ta' reġistru** 12

Artikolu 22 **Konsultazzjoni tal-proċess u tar-reġistru** 12

Taqsima 2 — **Fuq id-dipartimenti** 12

Artikolu 23 **Uffiċjali u membri oħra tal-persunal** 12

KAPITOLU IV ***Fuq il-funzjonament tat-Tribunal*** 12

Artikolu 24 **Dati, ħinijiet u post fejn jinżammu s-seduti tat-Tribunal** 12

Artikolu 25 **Kalendarju tal-ħidma tat-Tribunal** 13

Artikolu 26 **Kworum** 13

Artikolu 27 **Assenza jew impediment ta' Mħallef** 13

Artikolu 28 **Assenza jew impediment ta' Mħallef tal-awla b'ħames Imħallfin qabel is-seduta** 13

Artikolu 29 **Modalitajiet tad-deliberazzjonijiet** 13

Artikolu 30 **Numru ta' Mħallfin li jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet** 14

TITOLU II **DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI** 14

KAPITOLU I ***Dispożizzjonijiet ġenerali*** 14

Taqsima 1 — **Fuq l-aġenti, il-konsulenti u l-avukati** 14

Artikolu 31 **Kwalità ta' aġent, ta' konsulent jew ta' avukat** 14

Artikolu 32 **Privileġġi, immunitajiet u faċilitajiet** 14

Artikolu 33 **Tneħħija tal-immunità** 15

Artikolu 34 **Esklużjoni mill-proċedura** 15

Artikolu 35 **Għalliema tal-università** 15

Taqsima 2 — **Fuq in-notifiki** 15

Artikolu 36 **Notifiki** 15

Taqsima 3 — **Fuq it-termini** 16

Artikolu 37 **Kalkolu tat-termini** 16

Artikolu 38 **Terminu għal raġuni ta' distanza** 16

Artikolu 39 **Iffissar u proroga ta' termini** 16

Taqsima 4 — **Fuq il-modi ta' trattament tal-kawżi** 17

Artikolu 40 **Modi ta' trattament tal-kawżi** 17

Artikolu 41 **Ordni tat-trattament tal-kawżi** 17

Artikolu 42 **Każijiet ta' sospensjoni u proċedura** 17

Artikolu 43 **Tul u effetti tas-sospensjoni** 17

Artikolu 44 **Tgħaqqid, firda u separazzjoni** 18

Taqsima 5 — **Fuq l-atti proċedurali, id-dokumenti u l-annessi** 18

Artikolu 45 **Preżentata tal-atti proċedurali** 18

Artikolu 46 **Tul tal-atti proċedurali** 19

Artikolu 47 **Kunfidenzjalità tad-dokumenti u tal-annessi** 19

Artikolu 48 **Anonimat** 19

KAPITOLU II ***Fuq il-proċedura ordinarja*** 19

Taqsima 1 — **Fuq il-fażi bil-miktub tal-proċedura** 19

Artikolu 49 **Regola ġenerali** 19

Artikolu 50 **Rikors** 20

Artikolu 51 **Notifika tar-rikors u avviż fil-Ġurnal Uffiċjali** 20

Artikolu 52 **Assenjazzjoni inizjali ta' kawża lil kulleġġ ġudikanti** 20

Artikolu 53 **Risposta** 21

Artikolu 54 **Trażmissjoni ta' dokumenti** 21

Artikolu 55 **It-tieni skambju ta' noti** 21

Taqsima 2 — **Fuq il-motivi u fuq il-provi matul il-proċedura** 22

Artikolu 56 **Motivi ġodda** 22

Artikolu 57 **Provi u proposti ta' provi ġodda** 22

Taqsima 3 — **Fuq ir-rapport preliminari** 22

Artikolu 58 **Rapport preliminari** 22

Taqsima 4 — **Fuq il-fażi orali tal-proċedura** 22

Artikolu 59 **Żamma tas-seduta** 22

Artikolu 60 **Data tas-seduta** 22

Artikolu 61 **Seduta komuni għas-sottomissjonijiet orali** 23

Artikolu 62 **Assenza tal-partijiet mis-seduta** 23

Artikolu 63 **Żvolġiment tas-seduta** 23

Artikolu 64 **Għeluq u ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali** 23

Artikolu 65 **Proċess verbal tas-seduta** 23

Artikolu 66 **Reġistrazzjoni awdjo tas-seduta** 23

KAPITOLU III ***Fuq il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u fuq il-miżuri istruttorji*** 24

Taqsima 1 — **Għanijiet** 24

Artikolu 67 **Għanijiet** 24

Taqsima 2 — **Fuq il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura** 24

Artikolu 68 **Skop** 24

Artikolu 69 **Proċedura** 24

Taqsima 3 — **Fuq il-miżuri istruttorji** 25

Artikolu 70 **Skop** 25

Artikolu 71 **Proċedura** 25

Artikolu 72 **Taħrika tax-xhieda** 25

Artikolu 73 **Eżami tax-xhieda** 26

Artikolu 74 **Obbligi tax-xhieda** 26

Artikolu 75 **Perizja** 26

Artikolu 76 **Ġurament falz u ksur tal-ġuramenti** 27

Artikolu 77 **Rikuża ta' xhud jew ta' perit** 27

Artikolu 78 **Spejjeż tax-xhieda u tal-periti** 27

Artikolu 79 **Ittra rogatorja** 28

KAPITOLU IV ***Fuq l-eċċezzjonijiet u kwistjonijiet proċedurali*** 28

Artikolu 80 **Astensjoni** 28

Artikolu 81 **Rikors li manifestament ikun ser jiġi miċħud** 28

Artikolu 82 **Eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku** 28

Artikolu 83 **Talba għal deċiżjoni mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-mertu tal-kawża** 29

Artikolu 84 **Rinunzja għall-atti** 29

Artikolu 85 **Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni** 29

KAPITOLU V ***Fuq l-intervent*** 29

Artikolu 86 **Talba għal intervent** 29

Artikolu 87 **Deċiżjoni dwar it-talba għal intervent** 30

Artikolu 88 **Preżentata ta' noti u ta' osservazzjonijiet dwarhom** 30

Artikolu 89 **Stedina sabiex isir intervent** 31

KAPITOLU VI ***Fuq il-ftehim bonarju dwar it-tilwim*** 31

Artikolu 90 **Modalitajiet** 31

Artikolu 91 **Ftehim bejn il-partijiet** 32

Artikolu 92 **Ftehim bonarju u proċedura ġudizzjarja** 32

KAPITOLU VII ***Fuq is-sentenzi u d-digrieti*** 32

Artikolu 93 **Data tal-għoti tas-sentenza** 32

Artikolu 94 **Kontenut tas-sentenza** 32

Artikolu 95 **Għoti u notifika tas-sentenza** 33

Artikolu 96 **Kontenut tad-digriet** 33

Artikolu 97 **Firma u notifika tad-digriet** 33

Artikolu 98 **Saħħa vinkolanti tas-sentenzi u tad-digrieti** 34

Artikolu 99 **Pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea** 34

KAPITOLU VIII ***Fuq l-ispejjeż u l-ispejjeż tal-qorti*** 34

Artikolu 100 **Deċiżjoni dwar l-ispejjeż** 34

Artikolu 101 **Regola ġenerali dwar it-tqassim tal-ispejjeż** 34

Artikolu 102 **Ekwità u spejjeż fiergħa jew vessatorji** 34

Artikolu 103 **Regoli partikolari dwar it-tqassim tal-ispejjeż** 34

Artikolu 104 **Spejjeż ta' infurzar** 35

Artikolu 105 **Spejjeż li jistgħu jinġabru** 35

Artikolu 106 **Kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru** 35

Artikolu 107 **Modalitajiet tal-ħlas** 35

Artikolu 108 **Spejjeż tal-qorti** 36

Artikolu 109 **Depożitu bħala garanzija għal rikorsi abbużivi** 36

KAPITOLU IX ***Fuq l-għajnuna legali*** 36
Artikolu 110 **Kundizzjonijiet sostantivi** 36
Artikolu 111 **Kundizzjonijiet proċedurali** 36
Artikolu 112 **Proċedura u deċiżjoni** 37
Artikolu 113 **Ħlasijiet bil-quddiem u teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż** 37
Artikolu 114 **Irtirar tal-għajnuna legali** 38
KAPITOLU X ***Fuq il-proċeduri speċjali*** 38
Taqsima 1 — **Fuq is-sospensjoni u fuq il-proċeduri għal miżuri provviżorji oħra** 38
Artikolu 115 **Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni jew għal miżuri provviżorji oħra** 38
Artikolu 116 **Proċedura** 38
Artikolu 117 **Deċiżjoni dwar it-talba** 39
Artikolu 118 **Bidla fiċ-ċirkustanzi** 39
Artikolu 119 **Talba ġdida** 39
Artikolu 120 **Sospensjoni tal-infurzar** 39
Taqsima 2 — **Fuq is-sentenzi fil-kontumaċja** 39
Artikolu 121 **Sentenzi fil-kontumaċja** 39
KAPITOLU XI ***Fuq it-talbiet u r-rikorsi li jikkonċernaw is-sentenzi u d-digrieti*** 40
Taqsima 1 — **Fuq ir-rettifika** 40
Artikolu 122 **Rettifika ta' deċiżjonijiet** 40
Taqsima 2 — **Fuq in-nuqqas li tingħata deċiżjoni** 40
Artikolu 123 **Nuqqas li tingħata deċiżjoni dwar l-ispejjeż** 40
Taqsima 3 — **Fuq l-oppożizzjoni** 40
Artikolu 124 **Oppożizzjoni** 40
Taqsima 4 — **Fuq l-oppożizzjoni minn terzi** 41
Artikolu 125 **Oppożizzjoni minn terzi** 41
Taqsima 5 — **Fuq l-interpretazzjoni tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal** 42
Artikolu 126 **Interpretazzjoni tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal** 42
Taqsima 6 — **Fuq ir-reviżjoni** 42
Artikolu 127 **Reviżjoni** 42
Taqsima 7 — **Fuq il-kawżi mibgħuta lura quddiem it-Tribunal wara annullament** 43
Artikolu 128 **Kawża mibgħuta lura wara annullament** 43
Artikolu 129 **Assenjazzjoni tal-kawża mibgħuta lura** 43
Artikolu 130 **Proċedura għall-eżami tal-kawża mibgħuta lura** 44
Artikolu 131 **Spejjeż wara li kawża tintbagħat lura** 44
TITOLU III **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI** 44
Artikolu 132 **Dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni** 44
Artikolu 133 **Tħassir** 44
Artikolu 134 **Pubblikazzjoni u dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura** 45

REGOLI TAL-PROĊEDURA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li ra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ħames paragrafu tal-Artikolu 257 tiegħu,

wara li ra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

wara li ra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 62c tiegħu kif ukoll l-Artikolu 7(1) tal-Anness I tiegħu,

billi jikkunsidra li:

(1) Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni r-riformulazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, adottati fil-25 ta' Settembru 2012 ([2]), filwaqt li titqies in-natura partikolari tal-kawżi mressqa quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

(2) Barra minn hekk, mill-applikazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, adottati fil-25 ta' Lulju 2007 ([3]), ġiet identifikata l-ħtieġa li jiġu adattati wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli.

(3) B'mod partikolari, fid-dawl tal-esperjenza miksuba, deher barra minn hekk neċessarju li jiġu kkompletati jew ippreċiżati ċerti regoli applikabbli b'mod partikolari fil-qasam tal-kunfidenzjalità u tal-anonimat.

(4) Sabiex tinżamm il-kapaċità tal-qorti, quddiem numru ta' kawżi li dejjem qiegħed jikber, li taqtal-kawżi mressqa quddiemha fi żmien raġonevoli, huwa neċessarju wkoll li jitkomplu l-isforzi mibdija sabiex jitnaqqas it-tul tal-proċeduri li jiżvolġu quddiemha, b'mod partikolari billi jiġi limitat, meta dan jirriżulta neċessarju, it-tul tal-atti proċedurali, sakemm ma jkunx hemm deroga li tkun iġġustifikata min-natura partikolari tal-kawżi, u billi jiġu msaħħa r-regoli dwar ir-rimbors tal-ispejjeż esposti mit-Tribunal fil-każ ta' rikors manifestament abbużiv.

(5) Sabiex ir-regoli applikati mit-Tribunal jinqraw b'iktar faċilità, huwa fl-aħħar nett neċessarju li tiġi rriveduta l-istruttura tar-Regoli tal-Proċedura, li jiġu kkjarifikati ċerti regoli jew l-applikabbiltà tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, tal-miżuri istruttorji, tal-oppożizzjoni u tal-oppożizzjoni minn terzi, u li jitħassru ċerti regoli li ma baqgħux jintużaw jew li ma jiġux applikati,

bil-kunsens tal-Qorti tal-Ġustizzja,

bl-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fl-14 ta' April 2014,

ADOTTA R-REGOLI LI ĠEJJIN:

DISPOŻIZZJONI PRELIMINARI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. F'dawn ir-Regoli:

(a) id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huma indikati bin-numru tal-artikolu kkonċernat tat-Trattat imsemmi, segwit bl-akronimu "TUE";

(b) id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma indikati bin-numru tal-artikolu kkonċernat tat-Trattat imsemmi, segwit bl-akronimu "TFUE";

([1]) Kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 741/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Awwissu 2012 (ĠU L 228, 23.8.2012, p. 1).
([2]) ĠU L 265, 29.9.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 225, 29.8.2007, p. 1, b'rettifiki fil-ĠU L 69, 13.3.2008, p. 37 u fil-ĠU L 162, 22.6.2011, p. 20, bl-emendi tal-14 ta' Jannar 2009, ippubblikati fil-ĠU L 24, 28.1.2009, p. 10; tas-17 ta' Marzu 2010, ippubblikati fil-ĠU L 92, 13.4.2010, p. 17, u tat-18 ta' Mejju 2011, ippubblikati fil-ĠU L 162, 22.6.2011, p. 19.

(c) id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika huma indikati bin-numru tal-artikolu kkonċernat tat-Trattat imsemmi, segwit bl-akronimu "TKEEA";

(d) il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa msejjaħ "Statut";

(e) ir-Regolament li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni huwa msejjaħ ir-"Regolamenti tal-Persunal".

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli:

(a) "Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea jew, fir-rigward tal-kawżi ttrattati minn awla jew minn Imħallef uniku, din l-awla jew dan l-imħallef;

(b) "President tat-Tribunal" tfisser esklużivament il-President tat-Tribunal, filwaqt li "President" tfisser il-president tal-kulleġġ ġudikanti;

(c) "laqgħa plenarja" tfisser il-korp kollegjali kompost mill-Imħallfin tat-Tribunal li għandu l-kompetenza jiddeċiedi dwar kull kwistjoni amministrattiva kif ukoll dwar kwistjonijiet ġudizzjarji marbuta mal-assenjazzjoni tal-kawżi lid-diversi kulleġġi ġudikanti jew dwar kwistjonijiet ta' natura trażversali, mingħajr, f'dan l-aħħar każ, ma jkunu marbuta dawn il-kulleġġi ġudikanti;

(d) "istituzzjonijiet" tfisser l-istituzzjonijiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13(1) TUE u l-korpi jew l-organi maħluqa mit-Trattati jew minn att adottat b'eżekuzzjoni tagħhom u li jistgħu jidhru quddiem it-Tribunal.

TITOLU I

FUQ L-ORGANIZZAZZJONI TAT-TRIBUNAL

KAPITOLU I

Fuq il-Presidenza u l-membri tat-Tribunal

Artikolu 2

Perijodu tal-mandat tal-Imħallfin

1. Il-mandat ta' Mħallef jibda jiddekorri fid-data indikata għal dan il-għan fl-att tal-ħatra.

2. Jekk l-att tal-ħatra ma jindikax data, il-perijodu għandu jibda jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Teħid ta' ġurament

Qabel jassumu l-kariga tagħhom, l-Imħallfin għandhom jieħdu l-ġurament segwenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, previst fl-Artikolu 2 tal-Istatut:

"Jiena naħlef li nwettaq id-dmirijiet tiegħi b'imparzjalità sħiħa u skont il-kuxjenza; jiena naħlef li nħares is-segretezza tad-deliberazzjonijiet."

Artikolu 4

Impenn solenni

Minnufih wara li jieħdu l-ġurament, l-Imħallfin għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li biha jintrabtu solennement kif previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tal-Istatut.

Artikolu 5

Tneħħija mill-kariga ta' Mħallef

1. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab, taħt l-Artikolu 6 tal-Istatut, tiddeċiedi, wara li tikkonsulta lit-Tribunal, dwar jekk Imħallef tat-Tribunal ikunx għadu fil-pussess tar-rekwiżiti meħtieġa jew jekk ikunx għadu jissodisfa l-obbligi tal-kariga tiegħu, il-President tat-Tribunal għandu jistieden lill-Imħallef ikkonċernat sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

2. It-Tribunal għandu jiddeċiedi mingħajr il-preżenza tar-Reġistratur.

Il-vot għandu jkun sigriet u l-Imħallef ikkonċernat ma jiħux sehem fid-deliberazzjonijiet.

3. L-opinjoni tat-Tribunal għandha tkun motivata.

L-opinjoni li tikkonstata li Mħallef ma għadux fil-pussess tar-rekwiżiti meħtieġa jew ma għadux jissodisfa l-obbligi tal-kariga tiegħu għandha tkun sostnuta minn tal-inqas mill-maġġoranza tal-voti tal-Imħallfin tat-Tribunal. F'dan il-każ, id-distribuzzjoni tal-voti għandha tiġi kkomunikata lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 6

Ordni

1. L-ordni tal-Imħallfin huwa stabbilit b'dan il-mod:

— il-President tat-Tribunal;

— il-Presidenti tal-awli, skont l-anzjanità fil-kariga tagħhom bħala Membri tat-Tribunal;

— l-Imħallfin l-oħra, skont l-anzjanità fil-kariga tagħhom bħala Membri tat-Tribunal.

2. Fil-każ tal-istess anzjanità fil-kariga, hija l-età li tiddetermina l-ordni.

3. L-Imħallfin li l-mandat tagħhom jiġġedded iżommu l-anzjanità fil-kariga tagħhom.

Artikolu 7

Elezzjoni tal-President tat-Tribunal

1. Skont l-Artikolu 4(1) tal-Anness I tal-Istatut, l-Imħallfin għandhom jeleġġu wieħed minn fosthom bħala l-President tat-Tribunal għal perijodu ta' tliet snin. Il-mandat tiegħu jista' jiġġedded.

2. Fil-każ li l-mandat tal-President tat-Tribunal jintemm qabel ma jispiċċa t-terminu normali tal-kariga tiegħu, huwa għandu jiġi ssostitwit għall-perijodu li jkun fadal.

3. Fl-elezzjonijiet previsti f'dan l-artikolu, il-vot għandu jkun sigriet. Jiġi elett l-Imħallef li jikseb il-voti ta' iktar minn nofs l-Imħallfin tat-Tribunal. Jekk ebda wieħed mill-Imħallfin ma jikseb din il-maġġoranza, għandhom isiru iktar votazzjonijiet sakemm tintlaħaq din il-maġġoranza.

4. L-isem tal-President tat-Tribunal għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8

Responsabbiltajiet tal-President tat-Tribunal

1. Il-President tat-Tribunal jippresjedi s-seduti kif ukoll id-deliberazzjonijiet:

— tas-seduta plenarja;

— tal-awla b'ħames Imħallfin;

— ta' kull awla bi tliet Imħallfin li lilha jkun assenjat.

2. Il-President tat-Tribunal imexxi l-ħidma u jiżgura l-funzjonament tajjeb tad-dipartimenti tat-Tribunal. Huwa jippresjedi l-laqgħa plenarja.

3. Il-President tat-Tribunal jirrappreżenta lit-Tribunal.

Artikolu 9

Sostituzzjoni tal-President tat-Tribunal

Fil-każ ta' assenza jew ta' impediment tal-President tat-Tribunal jew fil-każ li l-presidenza tkun vakanti, il-funzjonijiet ta' din il-kariga għandhom jitwettqu skont l-ordni stabbilit skont l-Artikolu 6.

KAPITOLU II

Fuq il-kulleġġi ġudikanti

Artikolu 10

Kulleġġi ġudikanti

Skont l-Artikolu 4(2) tal-Anness I tal-Istatut, it-Tribunal għandu jiddeċiedi f'seduta plenarja, f'awla b'ħames Imħallfin, f'awli bi tliet Imħallfin jew permezz ta' Mħallef uniku.

Artikolu 11

Kostituzzjoni tal-awli

1. It-Tribunal għandu jikkostitwixxi fi ħdanu awli bi tliet Imħallfin. Huwa jista' jikkostitwixxi awla b'ħames Imħallfin.

2. It-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli. Jekk in-numru ta' Mħallfin assenjati lil awla jkun ikbar min-numru ta' Mħallfin li jikkostitwixxuha, huwa għandu jiddeċiedi dwar il-metodu ta' kif għandhom jiġu nnominati l-Imħallfin li jipparteċipaw fil-kulleġġ ġudikanti.

3. Id-deċiżjonijiet meħuda skont dan l-artikolu għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 12

Presidenti ta' awla

1. Skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness I tal-Istatut, l-Imħallfin għandhom jeleġġu minn fosthom, għal perijodu ta' tliet snin, il-Presidenti tal-awli bi tliet Imħallfin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) sa (4) huma applikabbli.

3. Il-Presidenti ta' awla jmexxu l-ħidma tal-awla tagħhom u jippresjedu s-seduti kif ukoll id-deliberazzjonijiet ta' din l-awla.

4. Fil-każ ta' assenza jew ta' impediment tal-President ta' awla, jew fil-każ li l-presidenza tkun vakanti, l-awla għandha tiġi ppresjeduta minn Membru tagħha skont l-ordni stabbilit skont l-Artikolu 6.

5. Jekk il-President tat-Tribunal ikun meħtieġ, eċċezzjonalment, li jikkompleta l-kulleġġ ġudikanti, huwa jippresjedih.

Artikolu 13

Kulleġġ ġudikanti ordinarju — Assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli

1. Bla ħsara għall-Artikoli 14 u 15, it-Tribunal għandu jiltaqa' f'awli bi tliet Imħallfin.

2. It-Tribunal għandu jistabbilixxi l-kriterji li jirregolaw l-assenjazzjoni jew l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawżi lill-awli imsemmija, b'mod partikolari minħabba konnessjoni jew sabiex jiżgura tqassim ibbilanċjat u koerenti tal-volum tax-xogħol bejn l-awli.

3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 14

Riassenjazzjoni ta' kawża lis-seduta plenarja jew lill-awla b'ħames Imħallfin

1. Meta l-kumplessità tal-punti ta' liġi mqajma minn kawża, l-importanza tagħha jew ċirkustanzi partikolari jiġġustifikaw dan, kawża tista' tiġi riassenjata lis-seduta plenarja jew lill-awla b'ħames Imħallfin.

2. Id-deċiżjoni ta' riassenjazzjoni għandha tiġi adottata mit-Tribunal f'laqgħa plenarja fuq proposta tal-awla li lilha tkun ġiet assenjata l-kawża jew ta' kwalunkwe Membru tat-Tribunal. Din id-deċiżjoni tista' tiġi adottata f'kull stadju tal-proċedura.

Artikolu 15

Riassenjazzjoni ta' kawża lil Imħallef uniku

1. Il-kawżi assenjati lil awla bi tliet Imħallfin jistgħu jiġu deċiżi mill-Imħallef Relatur bħala Mħallef uniku, meta dawn il-kawżi jkunu jistgħu jiġu hekk deċiżi, fid-dawl tal-assenza ta' diffikultà tal-punti ta' liġi jew ta' fatt imqajma, fid-dawl tal-importanza limitata tal-kawża u fid-dawl tal-assenza ta' ċirkustanzi partikolari oħra.

Kawżi li jqajmu kwistjonijiet li jirrigwardaw il-legalità ta' att ta' portata ġenerali, sakemm ma tkunx diġà ngħatat deċiżjoni dwar dawn il-kwistjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Qorti Ġenerali jew mit-Tribunal, ma jistgħux jiġu riassenjati lil Imħallef uniku.

2. Id-deċiżjoni ta' riassenjazzjoni għandha tiġi adottata b'mod unanimu, wara li jinstemgħu l-partijiet, mill-awla li tkun qiegħda tismal-kawża. Din id-deċiżjoni tista' tiġi adottata f'kull stadju tal-proċedura.

3. Fil-każ ta' assenza jew ta' impediment tal-Imħallef uniku li lilu l-kawża tkun ġiet riassenjata, il-President għandu jinnomina Mħallef ieħor sabiex jissostitwixxih.

4. L-Imħallef uniku għandu jibgħat lura l-kawża quddiem l-awla jekk jikkonstata li l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 ma jkunux għadhom sodisfatti.

5. Fir-rigward tal-kawżi ttrattati minn Imħallef uniku, is-setgħat tal-President għandhom jiġu eżerċitati minn dan l-Imħallef.

KAPITOLU III

Fuq ir-Reġistru u fuq id-dipartimenti

Taqsima 1

Fuq ir-Reġistru

Artikolu 16

Ħatra tar-Reġistratur

1. It-Tribunal għandu jaħtar ir-Reġistratur.

2. Fil-każ li l-pożizzjoni ta' Reġistratur tkun vakanti, għandu jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-persuni interessati għandhom jiġu mistiedna sabiex, f'terminu ta' mhux inqas minn tliet ġimgħat, jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom flimkien mal-informazzjoni kollha dwar il-kwalifiki universitarji tagħhom, il-konoxxenzi lingwistiċi tagħhom, il-karigi attwali u preċedenti tagħhom, l-esperjenza fil-qasam ġudizzjarju u internazzjonali li huma jista' jkollhom, kif ukoll dwar in-nazzjonalità tagħhom.

3. Ġimagħtejn qabel id-data stabbilita għall-ħatra, il-President tat-Tribunal għandu jinforma lill-Imħallfin bl-applikazzjonijiet li jkunu ġew ippreżentati.

4. Il-votazzjoni għandha ssir skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 7(3).

5. Ir-Reġistratur għandu jinħatar għal perijodu ta' sitt snin. Il-mandat tiegħu jista' jiġġedded. It-Tribunal jista' jiddeċiedi li jġedded il-mandat tar-Reġistratur li jkun attwalment jokkupa din il-kariga mingħajr ma tintuża l-proċedura prevista fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu. F'dan il-każ, għandha tapplika l-proċedura prevista fil-paragrafu 4.

6. Qabel jassumi l-kariga tiegħu, ir-Reġistratur għandu jieħu quddiem it-Tribunal il-ġurament previst fl-Artikolu 3 u għandu jiffirma d-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 4.

7. L-isem tar-Reġistratur għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 17

Tmiem il-kariga tar-Reġistratur

1. Ir-Reġistratur jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu biss jekk ma jkunx għadu fil-pussess tar-rekwiżiti meħtieġa jew jekk ma jkunx għadu jissodisfa l-obbligi tal-kariga tiegħu. It-Tribunal għandu jieħu deċiżjoni wara li jkun ta lir-Reġistratur l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

2. Jekk ir-Reġistratur jieqaf milli jeżerċita l-kariga tiegħu qabel ma jintemm il-mandat tiegħu, it-Tribunal għandu jaħtar Reġistratur ġdid għal perijodu ta' sitt snin.

Artikolu 18

Assistent Reġistratur

It-Tribunal jista' jaħtar, skont il-proċedura prevista għall-ħatra tar-Reġistratur, Assistent Reġistratur li jkun inkarigat li jassisti lir-Reġistratur u li jissostitwixxih fil-każ ta' assenza jew ta' impediment.

Artikolu 19

Assenza jew impediment tar-Reġistratur

1. Fil-każ ta' assenza jew ta' impediment tar-Reġistratur u, jekk ikun il-każ, tal-Assistent Reġistratur, jew fil-każ li l-kariga tagħhom tkun vakanti, il-President tat-Tribunal għandu jinnomina uffiċjali jew membri oħra tal-persunal sabiex iwettqu d-dmirijiet tar-Reġistratur.

2. Meta t-Tribunal jiltaqa' mingħajr il-preżenza tar-Reġistratur, huwa għandu jinkariga Mħallef, innominat skont l-ordni invers għal dak previst fl-Artikolu 6, sabiex iħejji, jekk ikun hemm bżonn, proċess verbal li għandu jiġi ffirmat mill-President u minn dan l-Imħallef.

Artikolu 20

Responsabbiltajiet tar-Reġistratur

1. Ir-Reġistratur, taħt l-awtorità tal-President tat-Tribunal, huwa responsabbli għar-Reġistru; b'mod partikolari, ir-Reġistratur huwa inkarigat li jirċievi, jibgħat u jżomm id-dokumenti kollha, kif ukoll li jwettaq in-notifiki meħtieġa għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli.

2. Ir-Reġistratur jassisti lill-Membri tat-Tribunal fit-twettiq tal-kariga tagħhom. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5, 17(1) u 29, ir-Reġistratur għandu jassisti għas-seduti tat-Tribunal u għandu jħejji l-proċess verbal ta' dawn is-seduti.

3. Ir-Reġistratur għandu l-kustodja tas-siġilli u huwa responsabbli għall-arkivji. Huwa jieħu ħsieb il-pubblikazzjonijiet tat-Tribunal u, b'mod partikolari, il-pubblikazzjoni tal-Ġabra tal-ġurisprudenza.

4. Ir-Reġistratur, flimkien mad-dipartimenti tal-istituzzjoni u taħt l-awtorità tal-President tat-Tribunal, għandu jiżgura l-amministrazzjoni tat-Tribunal u għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni tad-dħul u tal-infiq korrispondenti.

Artikolu 21

Żamma ta' reġistru

1. Fir-Reġistru għandu jinżamm, taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur, reġistru li fih jiġu rreġistrati, meta u fl-ordni li ssir il-preżentata tagħhom, l-atti proċedurali kollha. Ir-reġistrazzjonijiet fir-reġistru u n-notamenti magħmula mir-Reġistratur fuq id-dokumenti oriġinali jew fuq il-kopji ppreżentati għal dan il-għan huma atti awtentiċi.

2. Ir-Reġistru għandu jirreġistra separatament id-dokumenti stabbiliti għall-finijiet ta' ftehim bonarju fis-sens tal-Artikolu 90.

Artikolu 22

Konsultazzjoni tal-proċess u tar-reġistru

1. Bla ħsara għall-Artikoli 44(3), 47 u 87(3), kull parti fl-istanza tista':

— tikkonsulta fir-Reġistru l-proċess tal-kawża u l-estratti tar-reġistru li jikkonċernaw il-kawża tagħha;

— tikseb, skont it-tariffa tar-Reġistru, stabbilita mit-Tribunal fuq proposta tar-Reġistratur, kopji supplimentari tal-atti proċedurali, tal-annessi tagħhom, tad-digrieti u tas-sentenzi, kif ukoll kopji tad-dokumenti l-oħra fil-proċess u tal-estratti tar-reġistru; jekk ikun il-każ, dawn il-kopji għandhom ikunu awtentikati.

2. Ebda terza persuna, privata jew pubblika, ma tista' tikkonsulta l-proċess ta' kawża mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-President tat-Tribunal, wara li jinstemgħu l-partijiet. Din l-awtorizzazzjoni tista' tingħata, kompletament jew parzjalment, biss fuq talba bil-miktub, li għandha tipprovdi ġustifikazzjoni ddettaljata tal-interess leġittimu li jiġi kkonsultat l-imsemmi proċess. Il-konsultazzjoni għandha ssir fir-Reġistru.

Kull terz jista' jikseb, skont it-tariffa tar-Reġistru, kopji tas-sentenzi u tad-digrieti. Jekk ikun hemm interess leġittimu li jiġġustifika dan, dawn il-kopji għandhom ikunu awtentikati.

Kull persuna li jkollha interess iġġustifikat tista' tiġi awtorizzata mill-President tat-Tribunal sabiex tikkonsulta r-reġistru fir-Reġistru u sabiex tikseb kopji jew estratti ta' dan ir-reġistru skont it-tariffa tar-Reġistru.

Jekk ikun meħtieġ, l-Artikoli 44(3), 47, 48 u 87(3), kif ukoll id-deċiżjonijiet bbażati fuqhom, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jinħarġu kopji ta' sentenzi jew ta' digrieti kif ukoll meta tingħata l-awtorizzazzjoni msemmija fl-ewwel jew fit-tielet subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

Taqsima 2

Fuq id-dipartimenti

Artikolu 23

Uffiċjali u membri oħra tal-persunal

L-uffiċjali u l-membri l-oħra tal-persunal, inkarigati li jassistu direttament lill-President tat-Tribunal, lill-Imħallfin u lir-Reġistratur, għandhom jinħatru skont il-kundizzjonijiet previsti fir-Regolamenti tal-Persunal. Huma jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur, taħt l-awtorità tal-President tat-Tribunal.

KAPITOLU IV

Fuq il-funzjonament tat-Tribunal

Artikolu 24

Dati, ħinijiet u post fejn jinżammu s-seduti tat-Tribunal

1. Id-dati u l-ħinijiet tas-seduti tat-Tribunal għandhom jiġu stabbiliti mill-President.

2. It-Tribunal jista', għal waħda jew iktar seduti speċifiċi, jagħżel post differenti minn dak fejn it-Tribunal għandu s-sede tiegħu.

Artikolu 25

Kalendarju tal-ħidma tat-Tribunal

1. Is-sena ġudizzjarja tibda fl-1 ta' Ottubru ta' sena kalendarja u tispiċċa fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara.

2. Id-dati tal-vaganzi ġudizzjarji u l-lista tal-jiem ta' vaganza legali stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom japplikaw għat-Tribunal.

3. Matul il-vaganzi ġudizzjarji, il-presidenza tat-Tribunal għandha tiġi żgurata fil-post fejn it-Tribunal għandu s-sede tiegħu jew mill-President tat-Tribunal jew minn President ta' awla jew minn Imħallef ieħor li l-President tat-Tribunal jistiednu sabiex jissostitwixxih. Il-President tat-Tribunal jista', fil-każ ta' urġenza, ilaqqa' lill-Imħallfin.

4. It-Tribunal jista', għal raġunijiet validi, jagħti leave lill-Imħallfin.

Artikolu 26

Kworum

It-Tribunal jista' jiltaqa' validament biss jekk il-kworum segwenti jiġi osservat:

— ħames Imħallfin għas-seduta plenarja;

— tliet Imħallfin għall-awla b'ħames Imħallfin u għall-awli bi tliet Imħallfin, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Istatut.

Artikolu 27

Assenza jew impediment ta' Mħallef

1. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx minħabba l-assenza jew l-impediment ta' Mħallef, il-President għandu jiddifferixxi s-seduta sakemm jintemmu l-assenza jew l-impediment.

2. Sabiex jintlaħaq il-kworum fi ħdan awla, il-President jista' wkoll, jekk l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja teżiġi dan, jikkompleta l-kulleġġ ġudikanti permezz ta' Mħallef ieħor tal-istess awla jew, jekk dan ma jkunx possibbli, jipproponi lill-President tat-Tribunal li jinnomina Mħallef minn awla oħra. L-Imħallef sostitut għandu jiġi nnominat skont min ikun imissu billi jiġi segwit l-ordni invers għal dak previst fl-Artikolu 6.

3. Jekk il-kulleġġ ġudikanti jiġi kkompletat skont il-paragrafu preċedenti wara li tkun inżammet is-seduta, il-fażi orali tal-proċedura għandha tinfetaħ mill-ġdid sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix, bil-kunsens tal-partijiet u sabiex ikun jista' jaqtal-kawża f'terminu raġonevoli, li ma jorganizzax seduta ġdida. Il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura huwa obbligatorju meta l-assenza jew l-impediment jikkonċernaw iktar minn Imħallef wieħed mill-Imħallfin li pparteċipaw fis-seduta għas-sottomissjonijiet orali.

Artikolu 28

Assenza jew impediment ta' Mħallef tal-awla b'ħames Imħallfin qabel is-seduta

Jekk, fl-awla b'ħames Imħallfin, Imħallef ikun assenti jew ikollu impediment qabel is-seduta, il-President tat-Tribunal għandu jinnomina Mħallef ieħor skont min ikun imissu fl-ordni invers għal dak previst fl-Artikolu 6. Jekk in-numru ta' ħames Imħallfin ma jkunx jista' jerġa' jintlaħaq, is-seduta tista' xorta waħda tinżamm jekk il-kworum ikun intlaħaq.

Artikolu 29

Modalitajiet tad-deliberazzjonijiet

1. Id-deliberazzjonijiet tat-Tribunal għandhom ikunu u jibqgħu sigrieti.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 27(3), meta tkun inżammet seduta għas-sottomissjonijiet orali, huma biss l-Imħallfin li jkunu pparteċipaw f'din is-seduta li jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet.

3. Kull wieħed mill-Imħallfin li jkun qiegħed jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet għandu jesprimi l-opinjoni tiegħu, fil-waqt li jagħti r-raġunijiet għaliha.

4. Il-konklużjonijiet adottati wara diskussjoni finali mill-maġġoranza tal-Imħallfin għandhom jiddeterminaw id-deċiżjoni tat-Tribunal.

5. Meta d-deliberazzjonijiet tat-Tribunal jikkonċernaw kwistjonijiet amministrattivi, ir-Reġistratur għandu jkun preżenti, sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor.

Artikolu 30

Numru ta' Mħallfin li jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Istatut u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Anness I tal-Istatut, jekk, fl-awla b'ħames Imħallfin jew fi ħdan is-seduta plenarja, l-Imħallfin, minħabba assenza jew impediment, ikunu f'numru biżżewġ, l-Imħallef li jiġi l-ewwel skont l-ordni invers għal dak previst fl-Artikolu 6, għandu jastjeni milli jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet, sakemm ma jkunx l-Imħallef Relatur. F'dan il-każ, huwa l-Imħallef li jiġi minnufih warajh f'dan l-ordni invers li għandu jastjeni milli jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet.

TITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Taqsima 1

Fuq l-aġenti, il-konsulenti u l-avukati

Artikolu 31

Kwalità ta' aġent, ta' konsulent jew ta' avukat

1. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut, l-aġenti, il-konsulenti u l-avukati li jaġixxu f'isem Stat Membru jew istituzzjoni huma meħtieġa li jikkonfermaw il-kwalità tagħhom billi jippreżentaw fir-Reġistru dokument uffiċjali jew mandat mogħti mill-parti li jkunu qegħdin jirrappreżentaw jew jassistu.

2. Skont l-ewwel, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 19 tal-Istatut, l-avukati huma meħtieġa li jikkonfermaw il-kwalità tagħhom billi jippreżentaw fir-Reġistru dokument li jiċċertifika li huma awtorizzati jipprattikaw quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Artikolu 32

Privileġġi, immunitajiet u faċilitajiet

1. L-aġenti, il-konsulenti u l-avukati li jidhru quddiem it-Tribunal jew quddiem awtorità ġudizzjarja mqabbda mit-Tribunal permezz ta' ittra rogatorja, għandhom igawdu minn immunità għal dak li jintqal u li jinkiteb minnhom dwar il-kawża jew il-partijiet.

2. L-aġenti, il-konsulenti u l-avukati għandhom igawdu wkoll mill-privileġġi u l-faċilitajiet li ġejjin:

(a) l-atti u d-dokumenti kollha li jikkonċernaw il-proċedura huma eżenti mit-tfittxija u s-sekwestru. Fil-każ ta' kontestazzjoni, l-uffiċjali tad-dwana jew tal-pulizija jistgħu jissiġillaw l-atti u d-dokumenti inkwistjoni li mbagħad għandhom jintbagħtu minnufih lit-Tribunal sabiex jiġu spezzjonati fil-preżenza tar-Reġistratur u tal-persuna kkonċernata;

(b) l-aġenti, il-konsulenti u l-avukati għandhom igawdu mil-libertà li jivvjaġġaw sa fejn dan ikun neċessarju għat-twettiq tax-xogħol tagħhom.

3. Il-benefiċċju tal-privileġġi, tal-immunitajiet u tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi rrikonoxxut lill-aġenti, lill-konsulenti u lill-avukati permezz tal-osservanza minn qabel tal-formalitajiet previsti fl-Artikolu 31. Meta jkun meħtieġ, ir-Reġistratur tat-Tribunal għandu johroġilhom dokument ta' attestazzjoni. Il-validità ta' dan id-dokument hija limitata għal terminu ddeterminat; il-validità tista' tiġi pprorogata jew imqassra skont it-tul tal-proċedura.

Artikolu 33

Tneħħija tal-immunità

1. Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 32 għandhom jingħataw esklużivament fl-interess tal-proċedura.

2. It-Tribunal jista' jneħħi l-immunità meta jqis li t-tneħħija tagħha ma tippreġudikax l-interessi tal-proċedura.

It-Tribunal għandu jiddeċiedi wara li jinstemal-aġent, il-konsulent jew l-avukat ikkonċernat.

Artikolu 34

Esklużjoni mill-proċedura

1. Jekk it-Tribunal iqis li l-aġir ta' aġent, konsulent jew avukat quddiem it-Tribunal huwa inkompatibbli mad-dekor tat-Tribunal jew mar-rekwiżiti ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, jew li dan l-aġent, konsulent jew avukat qiegħed juża d-drittijiet li huwa għandu bis-saħħa tal-funzjoni tiegħu għal finijiet differenti minn dawk li għalihom ingħatawlu dawn id-drittijiet, huwa għandu jinforma b'dan lill-persuna kkonċernata. Il-President tat-Tribunal jista' jinforma b'dan lill-awtoritajiet kompetenti li taqa' taħthom il-persuna kkonċernata; f'dan il-każ kopja tal-ittra indirizzata lil dawn l-awtoritajiet għandha tintbagħat lill-persuna kkonċernata.

2. Għall-istess raġunijiet, it-Tribunal jista', f'kull ħin u wara li tinstemal-persuna kkonċernata, jiddeċiedi, permezz ta' digriet motivat, li jeskludi aġent, konsulent jew avukat mill-proċedura. Dan id-digriet għandu jkollu effett immedjat.

3. Meta aġent, konsulent jew avukat jiġi eskluż mill-proċedura, il-proċedura għandha tiġi sospiża sal-iskadenza ta' terminu ffissat mill-President sabiex il-parti kkonċernata tkun tista' tinnomina aġent, konsulent jew avukat ieħor.

4. Id-deċiżjonijiet meħuda skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu rrevokati.

Artikolu 35

Għalliema tal-università

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima huma applikabbli għall-għalliema tal-università li għandhom id-dritt li jagħmlu sottomissjonijiet orali quddiem it-Tribunal skont l-Artikolu 19 tal-Istatut.

Taqsima 2

Fuq in-notifiki

Artikolu 36

Notifiki

1. In-notifiki previsti f'dawn ir-Regoli għandhom isiru, taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur, fl-indirizz għan-notifika magħżul mid-destinatarju, jew permezz ta' ittra rreġistrata, b'dikjarazzjoni ta' rċevuta, jew permezz ta' kunsinna direttament lid-destinatarju bl-għoti ta' rċevuta. Il-kopji tal-oriġinal li għandhom jiġu nnotifikati għandhom jiġu ppreparati u awtentikati mir-Reġistratur, sakemm dawn il-kopji ma jkunux ġew prodotti mill-partijiet stess skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2).

2. Meta d-destinatarju jkun ta l-kunsens tiegħu li n-notifiki jsirulu permezz ta' faks, in-notifika ta' kull att proċedurali, inklużi s-sentenzi u d-digrieti tat-Tribunal, tista' ssir billi tintbagħat kopja tad-dokument b'dan il-mezz.

3. Jekk, minħabba raġunijiet tekniċi jew minħabba n-natura jew il-volum tal-att, ma tkunx tista' ssir tali trażmissjoni, l-att għandu jiġi nnotifikat, jekk ma tkunx ġiet indikata l-għażla tal-indirizz għan-notifika tad-destinatarju, fl-indirizz tad-destinatarju skont il-modalitajiet previsti fil-paragrafu 1. Id-destinatarju għandu jiġi informat dwar dan permezz ta' faks. F'dan il-każ, huwa preżunt li l-ittra rreġistrata mibgħuta lid-destinatarju tkun waslitlu fl-għaxar jum wara d-depożitu ta' din l-ittra fl-uffiċċju postali ta' fejn it-Tribunal għandu s-sede tiegħu, sakemm mid-dikjarazzjoni ta' rċevuta ma jirriżultax li l-ittra waslet għand id-destinatarju f'jum ieħor jew sakemm id-destinatarju ma jinformax lir-Reġistratur, f'terminu ta' tliet ġimgħat li jiddekorri mill-komunikazzjoni permezz ta' faks, li n-notifika ma waslitlux.

4. It-Tribunal jista', permezz ta' deċiżjoni, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom att proċedurali jista' jiġi nnotifikat b'mezzi elettroniċi. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Taqsima 3

Fuq it-termini

Artikolu 37

Kalkolu tat-termini

1. It-termini proċedurali previsti fit-Trattati, fl-Istatut, fir-Regolamenti tal-Persunal u f'dawn ir-Regoli għandhom jiġi kkalkolati kif ġej:

(a) jekk terminu espress f'jiem, f'ġimgħat, f'xhur jew fi snin għandu jibda jiddekorri mill-mument li fih iseħħ avveniment jew li fih jitwettaq att, il-jum li matulu jseħħ dan l-avveniment jew jitwettaq dan l-att ma għandux jiġi inkluż fit-terminu;

(b) terminu espress f'ġimgħat, f'xhur jew fi snin għandu jiskadi mat-tmiem tal-jum li, fl-aħħar ġimgħa, fl-aħħar xahar jew fl-aħħar sena, ikollu l-istess isem jew l-istess numru bħall-jum li matulu seħħ l-avveniment jew twettaq l-att li minnu għandu jiġi kkalkolat it-terminu. Jekk, fil-każ ta' terminu espress f'xhur jew fi snin, il-jum stabbilit għall-iskadenza ta' dan it-terminu ma jinzertax fl-aħħar xahar, it-terminu għandu jiskadi mat-tmiem tal-aħħar jum ta' dan ix-xahar;

(c) meta terminu jkun espress f'xhur u f'jiem, għandhom l-ewwel jitqiesu x-xhur sħaħ u mbagħad il-jiem;

(d) it-termini jinkludu s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-jiem ta' vaganza legali msemmija fl-Artikolu 25(2);

(e) it-termini ma jiġux sospiżi matul il-vaganzi ġudizzjarji.

2. Jekk il-jum li fih jiskadi t-terminu, miżjud skont l-Artikolu 38, ikun is-Sibt, il-Ħadd jew jum ta' vaganza legali, l-iskadenza ta' dan it-terminu għandha tiġi ddifferita għat-tmiem tal-jum ta' xogħol li jmiss.

Artikolu 38

Terminu għal raġuni ta' distanza

It-termini proċedurali għandhom jiżdiedu b'terminu fiss ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza.

Artikolu 39

Iffissar u proroga ta' termini

1. Id-dati jew it-termini għall-preżentata tal-atti proċedurali li ma humiex iffissati mir-Regolamenti tal-Persunal jew minn dawn ir-Regoli għandhom jiġu stabbiliti mill-President. Dawn jistgħu jiġu wkoll iprrorogati minnu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, id-dati jew it-termini għall-preżentata tar-risposti għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiżi mill-Imħallef Relatur skont l-Artikolu 69(2) għandhom jiġu ffissati u, jekk ikun meħtieġ iprrorogati, minn dan tal-aħħar.

2. Il-President jew, fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Imħallef Relatur, jistgħu jiddelegaw lir-Reġistratur is-setgħa li jiffissa jew li jipproroga ċerti termini li, skont dawn ir-Regoli, jiġu stabbiliti jew iprrorogati minnhom.

3. It-Tribunal għandu jiddeċiedi, wara li jinstemgħu l-partijiet, jekk in-nuqqas ta' osservanza tad-dati jew tat-termini li ma humiex iffissati mir-Regolamenti tal-Persunal jew minn dawn ir-Regoli jimplikax l-inammissibbiltà tal-att jew tar-risposta inkwistjoni.

L-ewwel subparagrafu japplika għan-nuqqas ta' osservanza tat-terminu previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(3) fir-rigward tal-preżentata tan-nota ta' intervent.

Taqsima 4

Fuq il-modi ta' trattament tal-kawżi

Artikolu 40

Modi ta' trattament tal-kawżi

1. Bla ħsara għal dispożizzjonijiet partikolari previsti fl-Istatut jew f'dawn ir-Regoli, il-proċedura quddiem it-Tribunal għandha tinkludi fażi bil-miktub u fażi orali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, kawża tista' tiġi suġġetta għal waħda mill-proċeduri previsti fil-Kapitolu IV ta' dan it-Titolu. It-Tribunal jista' wkoll, f'kull ħin, jipprova jiffaċilita ftehim bonarju dwar it-tilwima.

Artikolu 41

Ordni tat-trattament tal-kawżi

1. It-Tribunal jittratta l-kawżi li jkollu quddiemu skont l-ordni li fih ikunu jistgħu jiġu eżaminati.

2. Fid-dawl ta' ċirkustanzi partikolari, il-President jista', wara li jinstemgħu l-partijiet, jiddeċiedi li kawża għandha tiġi ttrattata bi prijorità, b'mod partikolari meta din tkun tista' tiġi ttrattata bħala kawża pilota fost grupp ta' kawżi li, f'kuntest fattwali analogu, iqajmu punt jew punti ta' liġi identiċi.

Fil-każ ta' bżonn, il-President għandu jirreferi din il-kwistjoni lill-President tat-Tribunal.

3. Il-President, wara li jinstemgħu l-partijiet, jista', fid-dawl ta' ċirkustanzi partikolari u speċjalment sabiex jiffaċilita ftehim bonarju dwar it-tilwima, jew *ex officio* jew fuq talba ta' parti, jiddeċiedi li kawża għandha tiġi ddifferita sabiex tiġi ttrattata iktar tard.

Artikolu 42

Każijiet ta' sospensjoni u proċedura

1. Bla ħsara għall-Artikoli 125(5), 126(4) u 127(6), proċedura pendenti tista' tiġi sospiża:

(a) meta quddiem it-Tribunal u, rispettivament, il-Qorti Ġenerali jew il-Qorti tal-Ġustizzja, jitressqu kawżi li jqajmu l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni jew li jikkontestaw il-validità tal-istess att;

(b) meta jiġi ppreżentat appell quddiem il-Qorti Ġenerali kontra deċiżjoni tat-Tribunal li taqta' parzjalment il-mertu tal-kawża, li tagħlaq kwistjoni proċedurali li tikkonċerna eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza jew ta' inammissibbiltà, jew li tiċħad intervent;

(c) meta quddiem it-Tribunal jitressqu kawżi li, f'kuntest fattwali analogu, iqajmu punt jew punti ta' liġi identiċi u meta waħda jew iktar minn dawn il-kawżi jkunu jistgħu jiġu ttrattati bħala kawżi piloti;

(d) fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom;

(e) f'każijiet partikolari oħra, meta dan ikun meħtieġ mill-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

2. Il-President għandu jiddeċiedi wara li jinstemgħu l-partijiet. Huwa jista' jirreferi din il-kwistjoni lit-Tribunal. Fil-każ li jkun hemm oġġezzjoni, huwa għandu jiddeċiedi dwar is-sospensjoni tal-proċedura permezz ta' digriet motivat.

3. Kull deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-proċedura qabel it-tmiem tas-sospensjoni jew id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 43(3) għandha tiġi adottata skont l-istess modalitajiet.

Artikolu 43

Tul u effetti tas-sospensjoni

1. Is-sospensjoni tal-proċedura tidħol fis-seħħ fid-data indikata fid-deċiżjoni jew fid-digriet ta' sospensjoni jew, fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni, fid-data ta' din id-deċiżjoni jew ta' dan id-digriet.

2. Matul il-perijodu ta' sospensjoni, ebda terminu proċedurali ma jiddekorri, bl-eċċezzjoni tat-terminu għal intervent previst fl-Artikolu 86(1).

3. Meta d-deċiżjoni jew id-digriet ta' sospensjoni ma jiffissawx meta għandha tintemm is-sospensjoni, din tintemm fid-data indikata fid-deċiżjoni jew fid-digriet ta' tkomplija tal-proċedura jew, fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni, fid-data ta' din id-deċiżjoni jew ta' dan id-digriet tal-aħħar.

4. Mid-data tat-tkomplija tal-proċedura wara s-sospensjoni, it-termini proċedurali interrotti għandhom jiġu sostitwiti b'termini ġodda li jibdew jiddekorru mid-data ta' din it-tkomplija.

Artikolu 44

Tgħaqqid, firda u separazzjoni

1. Żewġ kawżi jew iktar jistgħu, minħabba konnessjoni, jintgħaqdu għall-finijiet tal-fażi bil-miktub jew orali tal-proċedura, jew għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

It-tgħaqqid jista' jiġi deċiż f'kull ħin mill-President, wara li jinstemgħu l-partijiet. Din id-deċiżjoni għandha tkun fil-forma ta' digriet motivat fil-każ li titqajjem oġġezzjoni. Il-President jista' jirreferi din il-kwistjoni lit-Tribunal.

2. Fil-kundizzjonijiet previsti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, il-President jista' jifred mill-ġdid il-kawżi li jkunu ngħaqqdu preċedentement jew jissepara l-każ ta' wieħed jew iktar rikorrenti li, flimkien ma' rikorrenti oħra, ikunu ppreżentaw rikors kollettiv.

3. Ir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi magħquda jistgħu jikkonsultaw, fir-Reġistru, l-atti proċedurali nnotifikati lill-partijiet fil-kawżi l-oħra kkonċernati. Madankollu, fuq talba ta' parti, il-President jista', bla ħsara għall-Artikolu 47(1) u 2, jeskludi l-annessi sigrieti jew kunfidenzjali minn din il-konsultazzjoni.

Taqsima 5

Fuq l-atti proċedurali, id-dokumenti u l-annessi

Artikolu 45

Preżentata tal-atti proċedurali

1. Kull att proċedurali għandu jkollu data. Għall-finijiet tat-termini proċedurali, huma biss id-data u s-siegħa tal-preżentata tal-oriġinal fir-Reġistru li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

Ma' kull att proċedurali għandu jiġi anness faxxiklu, li jiġbor fih l-annessi u d-dokumenti invokati insostenn tal-att, bi skeda li telenka dawn l-annessi u dokumenti.

Jekk, minħabba l-volum ta' anness jew ta' dokument, mal-att proċedurali jiġu mehmuża biss estratti minn dan l-anness jew dokument, l-anness jew id-dokument kollu jew kopja sħiħa tagħhom għandhom jiġu ppreżentati fir-Reġistru.

Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom jipproduċu, fit-termini ffissati mit-Tribunal, it-traduzzjonijiet tal-atti proċedurali li jkunu l-awtur tagħhom, fil-lingwi l-oħra msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1 tal-Kunsill, tal-1 ta' April 1958, li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea.

2. L-oriġinal stampat ta' kull att proċedurali għandu jkun iffirmat bl-idejn mill-aġent jew mill-avukat tal-parti.

Dan l-att, flimkien mal-annessi kollha li jissemmew fih, għandu jiġi ppreżentat flimkien ma' ħames kopji għat-Tribunal u kopja għal kull parti fil-kawża. Dawn il-kopji għandhom jiġu awtentikati mill-parti li tippreżentahom.

B'deroga mit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, id-data u s-siegħa li fihom kopja tal-oriġinal iffirmat ta' att proċedurali, inkluża l-iskeda bil-lista tal-annessi u dokumenti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, tasal fir-Reġistru permezz ta' faks, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza tat-termini proċedurali jekk l-oriġinal iffirmat tal-att, flimkien mal-annessi u mal-kopji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, jiġi ppreżentat fir-Reġistru sa mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara li tkun waslet il-kopja tal-oriġinal. L-Artikolu 38 ma huwiex applikabbli għal dan it-terminu ta' għaxart ijiem.

3. It-Tribunal għandu jistabbilixxi, permezz ta' deċiżjoni, il-kundizzjonijiet li fihom att proċedurali trażmess lir-Reġistru b'mezz elettroniku jista' jitqies li huwa l-oriġinal ta' dan l-att. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 46

Tul tal-atti proċedurali

Bla ħsara għal dispożizzjonijiet partikolari previsti f'dawn ir-Regoli, it-Tribunal jista', permezz ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 132, jistabbilixxi t-tul massimu tal-atti proċedurali ppreżentati quddiemu. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 47

Kunfidenzjalità tad-dokumenti u tal-annessi

1. Bla ħsara għall-Artikolu 44(3) u għall-Artikolu 87(3), it-Tribunal għandu jieħu inkunsiderazzjoni biss dawk id-dokumenti u l-annessi li l-aġenti, il-konsulenti jew l-avukati tal-partijiet setgħu jikkonsultaw u li fuqhom setgħu jesprimu ruħhom.

2. Meta t-Tribunal jintalab jivverifika n-natura kunfidenzjali, fir-rigward ta' waħda jew iktar mill-partijiet, ta' dokument li jista' jkun rilevanti sabiex jaqtal-kawża, dan id-dokument ma għandux jiġi kkomunikat lill-partijiet qabel titlesta din il-verifika.

3. Meta dokument li l-aċċess għalih ikun ġie miċħud minn istituzzjoni jiġi prodott quddiem it-Tribunal fil-kuntest ta' rikors li jirrigwarda l-legalità ta' din iċ-ċaħda, dan id-dokument ma għandux jiġi kkomunikat lill-partijiet l-oħra.

Artikolu 48

Anonimat

1. Mal-preżentata tar-rikors, ir-rikorrent għandu jiġi informat li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal jiġu ppubblikati fuq l-Internet. Fuq talba motivata jew *ex officio*, it-Tribunal għandu jħalli barra l-isem tar-rikorrent u, jekk ikun meħtieġ, informazzjoni oħra fil-pubblikazzjonijiet tat-Tribunal jekk dan l-anonimat ikun iġġustifikat minn raġunijiet leġittimi.

L-ewwel subparagrafu japplika għall-intervenjenti li jkunu persuni fiżiċi.

2. Fuq talba motivata jew *ex officio*, it-Tribunal jista' jħalli barra, fid-dokumenti li joriġinaw mit-Tribunal, l-isem ta' persuni jew entitajiet oħra msemmija fil-kuntest tal-proċedura, jew anki ċerta informazzjoni li tikkonċernahom, jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi li jiġġustifikaw li l-identità ta' dawn il-persuni jew entitajiet jew il-kontenut ta' din l-informazzjoni jinżammu kunfidenzjali.

KAPITOLU II

Fuq il-proċedura ordinarja

Taqsima 1

Fuq il-fażi bil-miktub tal-proċedura

Artikolu 49

Regola ġenerali

Il-fażi bil-miktub tal-proċedura tinkludi l-preżentata tar-rikors u tar-risposta, kif ukoll, fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 55, il-preżentata ta' replika u ta' kontroreplika.

Artikolu 50

Rikors

1. Ir-rikors imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Istatut għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tar-rikorrent;

(b) l-indikazzjoni tal-kwalità u tal-indirizz tal-firmatarju;

(c) id-dettalji tal-parti li kontriha jkun ġie ppreżentat ir-rikors;

(d) is-suġġett tal-kawża u t-talbiet tar-rikorrent;

(e) espożizzjoni ċara tal-fatti rilevanti ppreżentati f'ordni kronoloġiku, kif ukoll espożizzjoni separata, preċiża u strutturata tal-motivi u tal-argumenti legali invokati;

(f) jekk ikun il-każ, il-provi proposti.

2. Jekk ikun il-każ, mar-rikors għandhom jiġu annessi:

(a) l-att li tiegħu jkun qiegħed jintalab l-annullament;

(b) l-ilment fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u d-deċiżjoni li biha ngħatat risposta għall-ilment b'indikazzjoni tad-dati tat-tressiq u tan-notifika.

3. Għall-finijiet tal-proċedura, ir-rikors għandu jinkludi:

— indirizz għan-notifika, filwaqt li jindika l-isem tal-persuna li hija awtorizzata tirċievi n-notifiki kollha;

— jew il-kunsens tal-avukat tar-rikorrent li jirċievi n-notifiki bil-mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 36(4) jew bil-faks;

— jew inkella t-tliet modi ta' trażmissjoni tan-notifiki, imsemmija iktar 'il fuq.

4. Jekk ir-rikors ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, in-notifiki kollha għall-finijiet tal-proċedura lill-parti kkonċernata, sakemm dan in-nuqqas ma jiġix irregolarizzat, għandhom isiru permezz ta' ittra rreġistrata indirizzata lir-rappreżentant tal-parti. B'deroga mill-Artikolu 36(1), in-notifika għandha titqies li tkun saret regolarment permezz tad-depożitu tal-ittra rreġistrata fl-uffiċċju postali ta' fejn it-Tribunal għandu s-sede tiegħu.

5. Mar-rikors l-avukat tar-rikorrent għandu jehmeż id-dokument imsemmi fl-Artikolu 31(2).

6. Jekk ir-rikors ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), fl-Artikolu 46 jew fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, fil-paragrafu 2 jew fil-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur għandu jiffissa lir-rikorrent terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tar-rikors.

Artikolu 51

Notifika tar-rikors u avviż fil-Ġurnal Uffiċjali

1. Ir-rikors għandu jiġu nnotifikat lill-konvenut. Fil-każijiet previsti fl-Artikolu 50(6), in-notifika għandha ssir hekk kif titwettaq ir-regolarizzazzjoni jew, fin-nuqqas ta' din, hekk kif it-Tribunal jilqa' l-ammissibbiltà.

2. Għandu jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li fih jiġu indikati d-data tal-preżentata tar-rikors, il-konvenut, is-suġġett u d-deskrizzjoni tal-kawża, u t-talbiet tar-rikors.

Artikolu 52

Assenjazzjoni inizjali ta' kawża lil kulleġġ ġudikanti

Malli jiġi ppreżentat ir-rikors, il-President tat-Tribunal għandu jassenja l-kawża lil awla bi tliet Imħallfin skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(2).

Għal kull kawża li tiġi assenjata, il-President ta' din l-awla għandu jipproponi lill-President tat-Tribunal in-nomina ta' Mħallef Relatur. Il-President tat-Tribunal għandu jiddeċiedi.

Artikolu 53

Risposta

1. Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien xahrejn min-notifika tar-rikors. Ir-risposta għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-konvenut;

(b) l-indikazzjoni tal-kwalità u tal-indirizz tal-firmatarju;

(c) it-talbiet tal-konvenut;

(d) il-kuntest ġuridiku tal-kawża, espożizzjoni ċara tal-fatti rilevanti ppreżentati f'ordni kronoloġiku, kif ukoll espożizzjoni separata, preċiża u strutturata tal-motivi u tal-argumenti legali invokati;

(e) jekk ikun il-każ, il-provi proposti.

2. L-Artikolu 50(3) u (4) huwa applikabbli.

3. L-aġent li jirrappreżenta lill-konvenut, kif ukoll il-konsulent jew l-avukat li jassistuh, għandhom jippreżentaw, sa mhux iktar tard mill-preżentata tar-risposta, id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 31.

Mar-risposta għandhom jiġu annessi t-testi li ma jkunux ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u li jiffurmaw il-kuntest ġuridiku tal-kawża, b'indikazzjoni tad-dati tal-adozzjoni tagħhom, tad-dħul fis-seħħ tagħhom u, jekk ikun il-każ, tat-tħassir tagħhom.

4. Jekk ir-risposta ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), fl-Artikolu 46 jew fil-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur għandu jiffissa lill-konvenut terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tar-risposta.

5. F'każijiet eċċezzjonali, it-terminu previst fil-paragrafu 1 jista' jiġi pprorogat mill-President fuq talba debitament motivata tal-konvenut jew *ex officio* fl-interess tal-ġustizzja.

Artikolu 54

Trażmissjoni ta' dokumenti

Meta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni Ewropea ma jkunux parti f'kawża, it-Tribunal għandu jibgħatilhom kopja tar-rikors u tar-risposta, mingħajr l-annessi ta' dawn id-dokumenti, sabiex ikunu jistgħu jikkonstataw jekk tkunx qiegħda tiġi invokata l-inapplikabbiltà ta' wieħed mill-atti tagħhom fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE.

Artikolu 55

It-tieni skambju ta' noti

1. Skont l-Artikolu 7(3) tal-Anness I tal-Istatut, it-Tribunal jista' jiddeċiedi, *ex officio* jew fuq talba motivata tar-rikorrent, li huwa meħtieġ skambju ieħor ta' noti sabiex jiġi kkompletat il-proċess.

2. It-Tribunal jista' jillimita t-tieni skambju ta' noti għall-punti ta' liġi jew ta' fatt speċifikati minnu.

3. Jekk in-nota ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), fl-Artikolu 46 jew fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur għandu jiffissa lill-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tan-nota.

Taqsima 2

Fuq il-motivi u fuq il-provi matul il-proċedura

Artikolu 56

Motivi ġodda

1. Ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat wara l-ewwel skambju ta' noti, sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi jew ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura.

2. Jekk, matul il-proċedura, waħda mill-partijiet tqajjem motiv ġdid, il-President jista', wara l-iskadenza tat-termini proċedurali normali u fuq rapport tal-Imħallef Relatur, jagħti lill-parti l-oħra terminu sabiex tirribatti dan il-motiv.

3. L-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tal-motivi ġodda għandha titħalla għad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

Artikolu 57

Provi u proposti ta' provi ġodda

Il-partijiet jistgħu jibqgħu jipproduċu provi jew jipproponu provi ġodda insostenn tal-argumenti tagħhom sal-għeluq tas-seduta, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw debitament għaliex ġew prodotti jew proposti tard. Il-partijiet l-oħra għandhom jingħataw il-possibbiltà li jieħdu pożizzjoni dwar dawn il-provi.

Taqsima 3

Fuq ir-rapport preliminari

Artikolu 58

Rapport preliminari

1. Ladarba tingħalaq il-fażi bil-miktub tal-proċedura, il-President għandu jiffissa d-data li fiha l-Imħallef Relatur għandu jippreżenta rapport preliminari lit-Tribunal.

2. Ir-rapport preliminari għandu jinkludi proposti dwar il-kwistjoni jekk il-kawża teħtieġx miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżuri istruttorji, dwar id-dispensa eventwali mis-seduta, dwar il-possibbiltajiet li jintlaħaq ftehim bonarju, kif ukoll dwar jekk hemmx lok li l-kawża tiġi riassenjata lis-seduta plenarja, lill-awla b'ħames Imħallfin jew lill-Imħallef Relatur sabiex jiddeċiedi bħala Mħallef uniku.

3. It-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar il-provvedimenti li għandhom jittieħdu fuq il-proposti tal-Imħallef Relatur.

Taqsima 4

Fuq il-fażi orali tal-proċedura

Artikolu 59

Żamma tas-seduta

1. Bla ħsara għal dispożizzjonijiet partikolari ta' dawn ir-Regoli li jippermettu lit-Tribunal jaqtal-kawża b'digriet u bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-proċedura quddiem it-Tribunal għandha tinkludi seduta.

2. Meta jkun sar it-tieni skambju ta' noti u meta t-Tribunal iqis li ż-żamma ta' seduta ma hijiex neċessarja, huwa jista' jiddeċiedi, bil-kunsens tal-partijiet, li jaqtal-kawża mingħajr ma tinżamm seduta.

Artikolu 60

Data tas-seduta

Id-data tas-seduta għandha tiġi stabbilita mill-President.

Artikolu 61

Seduta komuni għas-sottomissjonijiet orali

It-Tribunal jista' jiddeċiedi li jorganizza seduta għas-sottomissjonijiet orali komuni għal diversi kawżi meta x-xebh bejniethom jippermetti dan.

Artikolu 62

Assenza tal-partijiet mis-seduta

1. Ir-rappreżentanti tal-partijiet, debitament imsejħa għas-seduta, għandhom jinformaw lit-Tribunal, fi żmien xieraq, jekk ma jkunux ser jattendu għaliha.

L-assenza mhux iġġustifikata ta' rappreżentant ta' parti debitament imsejjaħ għas-seduta ma tostakolax iż-żamma tas-seduta.

2. Meta r-rappreżentanti tal-partijiet kollha jkunu indikaw li ma humiex ser jattendu għas-seduta, it-Tribunal jista' jiddeċiedi li jiddikjara magħluqa l-fażi orali tal-proċedura.

Artikolu 63

Żvolġiment tas-seduta

1. Il-President għandu jiftaħ u jmexxi t-trattazzjoni u għandu jżomm il-bon ordni waqt is-seduta.

2. Id-deċiżjoni li s-seduta tinżamm bil-magħluq, prevista fl-Artikolu 31 tal-Istatut, tinkludi projbizzjoni fir-rigward tal-pubblikazzjoni tat-trattazzjoni.

3. Il-partijiet jistgħu jittrattaw biss permezz tal-aġent jew tal-avukat tagħhom.

4. Il-President u kull Imħallef jistgħu, matul it-trattazzjoni:

(a) jagħmlu mistoqsijiet lill-aġenti, lill-konsulenti jew lill-avukati tal-partijiet;

(b) jistiednu lill-partijiet stess sabiex jesprimu ruħhom dwar ċerti aspetti tat-tilwima.

Artikolu 64

Għeluq u ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali

1. Meta tintemm it-trattazzjoni, il-President għandu jiddikjara magħluqa l-fażi orali tal-proċedura.

2. It-Tribunal jista' jordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Artikolu 65

Proċess verbal tas-seduta

Ir-Reġistratur għandu jħejji proċess verbal għal kull seduta. Dan il-proċess verbal għandu jiġi ffirmat mill-President u mir-Reġistratur. Il-proċess verbal huwa att awtentiku u għandu jiġi nnotifikat lill-partijiet.

Artikolu 66

Reġistrazzjoni awdjo tas-seduta

Il-President jista', fuq talba debitament iġġustifikata, jawtorizza lil parti sabiex tisma', fil-bini tat-Tribunal, ir-reġistrazzjoni awdjo tas-seduta fil-lingwa użata mill-kelliem matul is-seduta.

KAPITOLU III

Fuq il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u fuq il-miżuri istruttorji

Taqsima 1

Għanijiet

Artikolu 67

Għanijiet

Il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u l-miżuri istruttorji huma intiżi sabiex jiġu żgurati l-preparazzjoni tal-kawżi fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u l-iżvolġiment tajjeb tal-fażi bil-miktub jew orali tal-proċedura, kif ukoll sabiex jiġu ffaċilitati l-produzzjoni tal-provi u s-soluzzjoni tat-tilwim.

Taqsima 2

Fuq il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura

Artikolu 68

Skop

Il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jistgħu jieħdu l-forma, b'mod partikolari, ta':

(a) mistoqsijiet magħmula lill-partijiet;

(b) stedina lill-partijiet sabiex jesprimu ruħhom, bil-miktub jew oralment, dwar ċerti aspetti tat-tilwima u, b'mod partikolari, sabiex jippreċiżaw il-portata tat-talbiet tagħhom kif ukoll tal-motivi u tal-argumenti tagħhom jew sabiex jikkjarifikaw il-punti kontenzjużi;

(c) talba lill-partijiet għal informazzjoni jew kjarifiki;

(d) talba lill-partijiet sabiex jipproduċu dokumenti jew kull anness ieħor relatati mal-kawża;

(e) stedina lill-parteċipanti fis-seduta sabiex jikkonċentraw is-sottomissjonijiet tagħhom fuq kwistjoni jew kwistjonijiet partikolari;

(f) konvokazzjoni tal-partijiet għal laqgħat.

Artikolu 69

Proċedura

1. Il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jistgħu jiġu adottati jew emendati f'kull stadju tal-proċedura. Dawn il-miżuri jiġu deċiżi, jekk ikun il-każ, *ex officio*.

2. Il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura għandhom jiġu deċiżi mill-Imħallef Relatur, sakemm ma jirreferix din il-kwistjoni lit-Tribunal minħabba l-portata tal-miżuri kkunsidrati jew minħabba l-importanza tagħhom għas-soluzzjoni tat-tilwima.

3. Kull parti tista' tipproponi l-adozzjoni jew l-emenda ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

4. Il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet mir-Reġistratur.

5. Jekk l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2) jew fl-Artikolu 46, ir-Reġistratur għandu jiffissa lill-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tal-imsemmija osservazzjonijiet.

Taqsima 3

Fuq il-miżuri istruttorji

Artikolu 70

Skop

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 24 u 25 tal-Istatut, il-miżuri istruttorji jinkludu:

(a) id-dehra personali tal-partijiet;

(b) it-talba lil terzi għal informazzjoni jew kjarifiki;

(c) it-talba lil terzi sabiex jipproduċu dokumenti jew kull anness ieħor relatati mal-kawża;

(d) il-prova permezz ta' xhieda;

(e) il-perizja;

(f) l-aċċess;

(g) it-talba lil parti sabiex tipproduċi dokumenti jew kull anness ieħor relatati mal-kawża meta din il-parti tirrifjuta li tonora miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottata għal din il-għan.

Artikolu 71

Proċedura

1. Il-miżuri istruttorji neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima jistgħu jiġu adottati jew emendati f'kull stadju tal-proċedura. Dawn il-miżuri għandhom jiġu deċiżi, jekk ikun il-każ *ex officio*, mit-Tribunal.

2. Kull parti tista' tipproponi l-adozzjoni jew l-emenda ta' miżuri istruttorji fil-waqt li tindika bi preċiżjoni l-iskop tagħhom u r-raġunijiet ta' natura li jiġġustifikawhom. Il-partijiet l-oħra għandhom jinstemgħu qabel ma jkunu jistgħu jittieħdu dawn il-miżuri.

3. Meta ċ-ċirkustanzi tal-proċedura hekk jitolbu, il-partijiet għandhom jiġu mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżuri kkunsidrati mit-Tribunal u msemmija fl-Artikolu 70(a), (b), (c) u (g).

4. Id-deċiżjoni dwar:

— il-miżuri msemmija fl-Artikolu 70(a), (b) u (c) għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet mir-Reġistratur;

— il-miżuri msemmija fl-Artikolu 70(d), (e) u (f) għandha tittieħed, wara li jinstemgħu l-partijiet, permezz ta' digriet, u għandha tindika l-fatti li għandhom jiġu pprovati;

— il-miżura msemmija fl-Artikolu 70(g) għandha tiġi adottata permezz ta' digriet.

5. Jekk it-Tribunal jiddeċiedi li jordna miżura istruttorja u ma jwettaqhiex huwa stess, huwa għandu jinkariga lill-Imħallef Relatur bit-twettiq tagħha.

6. Il-partijiet jistgħu jassistu għall-miżuri istruttorji.

7. Parti dejjem tista' tipproduċi l-prova kontrarja jew tippreżenta amplifikazzjoni tal-provi proposti.

Artikolu 72

Taħrika tax-xhieda

Ix-xhieda li l-eżami tagħhom jitqies neċessarju għandhom jiġu mħarrka mit-Tribunal. Id-digriet imsemmi fit-tieni inċiż tal-Artikolu 71(4) għandu jinkludi:

(a) il-kunjom, l-isem, il-professjoni u l-indirizz tax-xhieda;

(b) id-data u l-post tal-eżami;

(c) l-indikazzjoni tal-fatti li dwarhom ix-xhieda għandhom jiġu eżaminati;

(d) jekk ikun il-każ, l-indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet meħuda mit-Tribunal skont l-Artikolu 78 fir-rigward tar-rimbors tal-ispejjeż li jkunu saru mix-xhieda u tas-sanzjonijiet applikabbli skont l-Artikolu 74 għax-xhieda li ma jidhrux.

Artikolu 73

Eżami tax-xhieda

1. Wara li ssir il-verifika tal-identità tax-xhieda, il-President jew l-Imħallef Relatur inkarigat mit-Tribunal sabiex iwettaq l-eżami għandhom jinformaw lix-xhieda li għandhom jgħidu s-sewwa u għandhom jiġbdulhom l-attenzjoni tagħhom għall-konsegwenzi previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-każ li ma josservawx dan l-obbligu.

2. Sakemm ma jkunux eżentati, wara li jinstemgħu l-partijiet, ix-xhieda għandhom jieħdu, qabel jagħmlu d-depożizzjoni tagħhom, dan il-ġurament:

"Jiena naħlef li ngħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa."

3. Ix-xhieda għandhom jinstemgħu mit-Tribunal jew mill-Imħallef Relatur, wara li l-partijiet jissejħu sabiex jattendu. Wara d-depożizzjoni, it-Tribunal jew l-Imħallef Relatur jistgħu, fuq talba mill-partijiet jew *ex officio*, jagħmlu mistoqsijiet lix-xhieda.

Il-President jew l-Imħallef Relatur jistgħu jawtorizzaw lill-aġenti, lill-konsulenti jew lill-avukati tal-partijiet jagħmlu mistoqsijiet lix-xhieda.

4. Ir-Reġistratur għandu jħejji proċess verbal li jirriproduċi d-depożizzjoni tax-xhieda.

Il-proċess verbal għandu jiġi ffirmat mill-President jew mill-Imħallef Relatur kif ukoll mir-Reġistratur. Qabel ma l-proċess verbal jiġi ffirmat, ix-xhieda għandhom jingħataw il-possibbiltà jivverifikaw il-kontenut tal-proċess verbal u jiffirmawh.

Il-proċess verbal huwa att awtentiku. Il-proċess verbal għandu jiġi nnotifikat lill-partijiet.

Artikolu 74

Obbligi tax-xhieda

1. Ix-xhieda regolarment imħarrka għandhom joqogħdu għat-taħrika u jidhru għas-seduta.

2. Meta xhud regolarment imħarrek ma jidhirx quddiem it-Tribunal mingħajr raġuni leġittima, it-Tribunal jista' jimponi fuqu sanzjoni pekunjarja ta' mhux iktar minn EUR 5 000 u jordna taħrika ġdida tax-xhud bi spejjeż tiegħu.

3. L-istess sanzjoni tista' tiġi imposta fuq xhud li, mingħajr raġuni leġittima, jirrifjuta li jagħti x-xhieda tiegħu jew li jieħu l-ġurament.

4. Ix-xhud li jagħti lit-Tribunal raġunijiet leġittimi li kien impossibbli għalih li jressaq qabel jista' jiġi eżentat milli jħallas is-sanzjoni pekunjarja li tkun imposta fuqu. Is-sanzjoni pekunjarja tista' titnaqqas fuq talba tax-xhud meta huwa juri li hija sproporzjonata meta mqabbla mad-dħul tiegħu.

Artikolu 75

Perizja

1. Id-digriet li permezz tiegħu t-Tribunal jinnomina lill-perit għandu jispeċifika l-inkarigu tiegħu u għandu jiffissa terminu għall-preżentazzjoni tar-rapport tiegħu.

2. Il-perit għandu jirċievi kopja tad-digriet, flimkien mal-annessi kollha neċessarji sabiex iwettaq l-inkarigu tiegħu. Il-perit għandu jiġi informat bl-obbligu tiegħu li jgħid is-sewwa u li jwettaq l-inkarigu tiegħu bir-ruħ u bil-ħaqq, u għandha tingħibed l-attenzjoni tiegħu għall-konsegwenzi previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fil-każ li ma josservax dawn l-obbligi.

3. Il-perit għandu jkun taħt il-kontroll tal-Imħallef Relatur, li jista' jassisti għall-perizji u li għandu jinżamm informat dwar l-iżvolġiment tal-inkarigu mogħti lill-perit.

4. Fuq talba tal-perit, it-Tribunal jista' jiddeċiedi li jkompli bl-eżami tax-xhieda, li għandhom jiġu eżaminati skont id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 73.

5. Il-perit jista' jagħti l-opinjoni tiegħu biss fuq dawk il-punti li jiġu espressament sottomessi lilu.

6. Sakemm ma jkunx eżentat mit-Tribunal, wara li jinstemgħu l-partijiet, il-perit għandu jieħu, meta jippreżenta r-rapport, dan il-ġurament:

"Jiena naħlef li wettaqt l-inkarigu tiegħi bir-ruħ u bil-ħaqq."

7. Wara l-preżentazzjoni tar-rapport u wara n-notifika tiegħu lill-partijiet, it-Tribunal jista' jordna li jinstemal-perit, wara li l-partijiet jissejħu sabiex jattendu.

8. Il-President u kull Imħallef jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lill-perit. Il-President jista' jawtorizza lir-rappreżentanti tal-partijiet jagħmlu mistoqsijiet lill-perit.

9. Ir-Reġistratur għandu jħejji proċess verbal li jirriproduċi d-depożizzjoni tal-perit. Il-proċess verbal għandu jiġi ffirmat mill-President jew mill-Imħallef Relatur inkarigat mill-eżami kif ukoll mir-Reġistratur. Qabel ma l-proċess verbal jiġi ffirmat, il-perit għandu jingħata l-possibbiltà jivverifika l-kontenut tal-proċess verbal u jiffirmah. Il-proċess verbal huwa att awtentiku. Il-proċess verbal għandu jiġi nnotifikat lill-partijiet.

Artikolu 76

Ġurament falz u ksur tal-ġuramenti

1. Skont l-Artikolu 30 tal-Istatut, it-Tribunal jista' jiddeċiedi li jiddenunzja kull xhieda falza jew kull dikjarazzjoni falza minn perit mogħtija taħt ġurament quddiemu lill-awtorità kompetenti, imsemmija fir-Regoli Addizzjonali għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom ġurisdizzjoni għall-finijiet ta' proċeduri kriminali.

2. Id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tintbagħat mir-Reġistratur. Din id-deċiżjoni għandha tesponi l-fatti u ċ-ċirkustanzi li fuqhom tkun ibbażata d-denunzja.

Artikolu 77

Rikuża ta' xhud jew ta' perit

1. It-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat fil-każ li waħda mill-partijiet tirrikuża xhud jew perit minħabba nuqqas ta' kapaċità jew ta' adegwatezza jew minħabba kwalunkwe raġuni oħra, jew fil-każ li xhud jew perit jirrifjuta li jixhed jew li jieħu ġurament.

2. Ir-rikuża ta' xhud jew ta' perit għandha ssir, permezz ta' att li jinkludi r-raġunijiet għar-rikuża u l-provi proposti, f'terminu ta' ġimagħtejn li jiddekorri min-notifika tad-digriet li jħarrek lix-xhud jew li jinnomina l-perit.

Artikolu 78

Spejjeż tax-xhieda u tal-periti

1. Meta t-Tribunal jordna l-eżami ta' xhieda jew perizja, huwa jista' jitlob lill-partijiet, jew lil waħda minnhom, jagħmlu depożitu mal-kaxxier tat-Tribunal bħala garanzija għall-ispejjeż tax-xhieda u tal-periti. Huwa għandu jiffissal-ammont ta' dan id-depożitu.

2. Ix-xhieda u l-periti għandhom dritt għar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ tagħhom. Il-kaxxier tat-Tribunal jista' jagħtihom ħlas bil-quddiem fuq dawn l-ispejjeż.

3. Ix-xhieda huma intitolati għal kumpens għal telf ta' qligħ u l-periti huma intitolati għal onorarju għall-ħidma tagħhom. Dawn is-somom għandhom jitħallsu mill-kaxxier tat-Tribunal lix-xhieda u lill-periti wara t-twettiq tad-dmirijiet jew tal-inkarigu tagħhom.

Artikolu 79

Ittra rogatorja

1. It-Tribunal jista', fuq talba tal-partijiet jew *ex officio*, joħroġ ittri rogatorji għall-eżami ta' xhieda jew ta' periti.

2. L-ittra rogatorja għandha tinħareġ permezz ta' digriet; dan għandu jinkludi l-isem, il-kunjom, il-professjoni u l-indirizz tax-xhieda jew tal-periti, jindika l-fatti li fuqhom ix-xhieda jew il-periti ser jiġu eżaminati, jidentifika l-partijiet, l-aġenti, il-konsulenti jew l-avukati tagħhom kif ukoll l-indirizz tagħhom u jesponi sommarjament is-suġġett tat-tilwima.

3. Ir-Reġistratur għandu jibgħat id-digriet lill-awtorità kompetenti, imsemmija fir-Regoli Addizzjonali għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir l-eżami tax-xhieda jew tal-periti. Jekk ikun il-każ, flimkien mad-digriet ir-Reġistratur għandu jibgħat traduzzjoni fil-lingwa jew fil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru destinatarju.

L-awtorità identifikata skont l-ewwel subparagrafu għandha tgħaddi d-digriet lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti skont id-dritt nazzjonali tagħha.

L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha teżegwixxi t-talba fl-ittra rogatorja skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha. Wara l-eżekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha tibgħat lill-awtorità identifikata skont l-ewwel subparagrafu d-digriet bl-ittra rogatorja, id-dokumenti ta' eżekuzzjoni u skeda ddettaljata tal-ispejjeż. Dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu lir-Reġistratur.

4. Ir-Reġistratur għandu jiżgura t-traduzzjoni tad-dokumenti fil-lingwa tal-kawża.

5. Meta t-Tribunal joħroġ ittra rogatorja, huwa jista' jitlob lill-partijiet, jew lil waħda minnhom, jagħmlu depożitu mal-kaxxier tat-Tribunal bħala garanzija għall-ispejjeż ta' din l-ittra. Huwa għandu jiffissal-ammont ta' dan id-depożitu.

KAPITOLU IV

Fuq l-eċċezzjonijiet u kwistjonijiet proċedurali

Artikolu 80

Astensjoni

1. Skont l-Artikolu 8(2) tal-Anness I tal-Istatut, meta t-Tribunal jikkonstata li r-rikors li għandu quddiemu jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali, huwa għandu jirreferi l-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lill-Qorti Ġenerali.

2. It-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

Artikolu 81

Rikors li manifestament ikun ser jiġi miċħud

Meta t-Tribunal manifestament ma jkollux kompetenza sabiex jieħu konjizzjoni ta' rikors jew ta' xħud mit-talbiet tiegħu jew meta rikors ikun, kompletament jew parzjalment, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt, it-Tribunal jista', f'kull ħin, jiddeċiedi li jaqtal-kawża permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma jkompli l-proċedura.

Artikolu 82

Eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku

It-Tribunal jista', f'kull ħin, *ex officio*, u wara li jinstemgħu l-partijiet, jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku. Jekk it-Tribunal iqis li għandu informazzjoni biżżejjed, huwa jista', mingħajr ma jkompli l-proċedura, jaqtal-kawża permezz ta' digriet motivat.

Artikolu 83

Talba għal deċiżjoni mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-mertu tal-kawża

1. Meta parti titlob li t-Tribunal jiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà, in-nuqqas ta' kompetenza jew fuq kwistjoni proċedurali mingħajr ma jidħol fil-mertu tal-kawża, hija għandha tressaq it-talba tagħha permezz ta' att separat.

It-talba għandha tinkludi espożizzjoni tal-motivi bbażati fuq punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom tkun ibbażata t-talba, it-talbiet u, mehmuża magħha, l-annessi invokati insostenn tagħha.

2. Hekk kif jiġi ppreżentat l-att li bih titressaq it-talba, il-President għandu jiffissa terminu sabiex il-parti l-oħra tippreżenta bil-miktub it-talbiet tagħha u l-argumenti tagħha bbażati fuq punti ta' fatt u ta' liġi.

Sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor, il-proċedura dwar it-talba għandha titkompla bil-fażi orali.

3. It-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat u fl-iqsar żmien possibbli dwar it-talba jew, meta ċirkustanzi partikolari jiġġustifikaw dan, għandu jinkludi l-eżami ta' din it-talba mad-deċiżjoni fil-mertu.

Jekk it-Tribunal jiċħad it-talba jew iħalliha għad-deċiżjoni fil-mertu, il-President għandu jiffissa termini ġodda għat-tkomplija tal-istanza.

Jekk il-kawża taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali, it-Tribunal għandu jirreferi l-kawża lill-qorti kkonċernata, skont l-Artikolu 80.

Artikolu 84

Rinunzja għall-atti

Jekk ir-rikorrent jinforma lit-Tribunal, bil-miktub jew matul is-seduta, li għandu l-intenzjoni jirrinunzja għall-atti, il-President, wara li jinstemgħu l-partijiet l-oħra, għandu jordna t-tħassir tal-kawża mir-reġistru u għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 103(5).

Artikolu 85

Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni

1. Jekk it-Tribunal jikkonstata li r-rikors ma għadx għandu skop u li ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni, huwa jista', f'kull ħin, fuq talba jew *ex officio*, u wara li jinstemgħu l-partijiet, jagħlaq l-istanza permezz ta' digriet motivat.

2. Jekk ir-rikorrent ma jibqax iwieġeb għall-komunikazzjonijiet min-naħa tat-Tribunal, it-Tribunal jista' jikkonstata, fuq talba jew *ex officio*, wara li jinstemgħu l-partijiet, li ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni u għandu jagħlaq l-istanza permezz ta' digriet motivat.

KAPITOLU V

Fuq l-intervent

Artikolu 86

Talba għal intervent

1. Kull talba għal intervent għandha titressaq qabel l-iskadenza ta' terminu ta' sitt ġimgħat li jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 51(2).

2. It-talba għal intervent għandha tinkludi:

(a) l-indikazzjoni tal-kawża;

(b) l-indikazzjoni tal-partijiet prinċipali;

(c) l-isem u l-indirizz tal-intervenjent;

(d) l-indikazzjoni tal-kwalità u tal-indirizz tal-firmatarju;

(e) l-għażla tal-indirizz għan-notifika tal-intervenjent jew il-kunsens tar-rappreżentant tiegħu li jirċievi n-notifiki permezz tal-mezz elettroniku msemmi fl-Artikolu 36(4) jew permezz tal-faks;

(f) it-talbiet tal-intervenjent intiżi sabiex isostnu jew sabiex jiġu miċħuda t-talbiet tar-rikorrent;

(g) l-espożizzjoni taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw id-dritt tal-intervent skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut jew fuq il-bażi ta' dispożizzjoni speċifika.

3. Jekk it-talba ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(e), in-notifiki kollha għall-finijiet tal-proċedura lill-parti kkonċernata, sakemm dan in-nuqqas ma jiġix irregolarizzat, għandhom isiru permezz ta' ittra rreġistrata indirizzata lir-rappreżentant tal-intervenjent. B'deroga mill-Artikolu 36(1), in-notifika għandha titqies li tkun saret regolarment permezz tad-depożitu tal-ittra rreġistrata fl-uffiċċju postali ta' fejn it-Tribunal għandu s-sede tiegħu.

4. L-intervenjent għandu jkun irrappreżentat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Istatut.

5. Mat-talba, l-aġent, il-konsulent jew l-avukat tal-intervenjent għandhom jehmżu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 31.

6. Jekk it-talba ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jew fil-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur għandu jiffissa għall-intervenjent terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tat-talba.

Artikolu 87

Deċiżjoni dwar it-talba għal intervent

1. It-talba għal intervent għandha tiġi nnotifikata lill-partijiet prinċipali sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub jew orali tagħhom u sabiex jindikaw, jekk ikun il-każ, l-annessi li fil-fehma tagħhom huma sigrieti jew kunfidenzjali u li, għaldaqstant, ma jkunux jixtiequ li jiġu kkomunikati lill-intervenjenti.

2. Meta l-partijiet prinċipali ma jressqux oġġezzjoni dwar it-talba għal intervent fit-terminu mogħti jew ma jkunux indikaw, f'dan l-istess terminu, l-annessi jew id-dokumenti sigrieti jew kunfidenzjali li l-komunikazzjoni tagħhom lill-intervenjent ser tkun ta' natura li tikkawżalhom preġudizzju, l-intervent għandu jintlaqa' permezz ta' deċiżjoni tal-President.

3. Fil-każijiet l-oħra, il-President għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat dwar it-talba għal intervent u, jekk ikun il-każ, dwar il-komunikazzjoni tal-annessi jew tad-dokumenti li n-natura sigrieta jew kunfidenzjali tagħhom tkun ġiet allegata. Il-President jista' wkoll jgħaddi dawn il-kwistjonijiet lit-Tribunal, li jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

Artikolu 88

Preżentata ta' noti u ta' osservazzjonijiet dwarhom

1. Jekk intervent jintlaqa', l-intervenjent jidħol fil-kawża *in statu et terminis*.

2. L-atti proċedurali kollha nnotifikati lill-partijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-intervenjent ħlief għall-annessi u d-dokumenti li n-natura sigrieta jew kunfidenzjali tagħhom tkun irrikonoxxuta skont l-Artikolu 87(3).

3. L-intervenjent jista' jippreżenta nota ta' intervent f'terminu ta' xahar mill-komunikazzjoni tal-atti proċedurali msemmija fil-paragrafu 2. Dan it-terminu jista' jiġi pprorogat mill-President fuq talba debitament motivata tal-intervenjent.

In-nota ta' intervent għandha tinkludi:

(a) it-talbiet tal-intervenjent;

(b) espożizzjoni ċara tal-fatti rilevanti ppreżentati f'ordni kronoloġiku, kif ukoll espożizzjoni separata, preċiża u strutturata tal-motivi u tal-argumenti legali invokati mill-intervenjent;

(c) jekk ikun il-każ, il-provi proposti.

4. It-talbiet tal-intervenjent huma ammissibbli biss jekk ikunu intiżi li jsostnu, totalment jew parzjalment, it-talbiet ta' waħda mill-partijiet prinċipali.

5. Wara l-preżentata tan-nota ta' intervent, il-President għandu jiffissa terminu li fih il-partijiet prinċipali jkunu jistgħu jwieġbu bil-miktub għal din in-nota jew għandu jistedinhom sabiex jippreżentaw it-tweġiba tagħhom matul il-fażi orali tal-proċedura.

6. Jekk in-nota ta' intervent jew l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jew fl-Artikolu 46, ir-Reġistratur għandu jiffissa għall-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tal-imsemmija nota jew osservazzjonijiet.

Artikolu 89

Stedina sabiex isir intervent

1. F'kull stadju tal-proċedura, il-President jista', wara li jinstemgħu l-partijiet, jistieden lil kull persuna, kull istituzzjoni jew kull Stat Membru li jkunu interessati fis-soluzzjoni tat-tilwima sabiex jindikaw lit-Tribunal, fit-terminu ffissat minnu, jekk jixtiqux jintervjenu fil-proċedura. L-avviż imsemmi fl-Artikolu 51(2) għandu jiġi indikat fl-istedina.

2. Il-persuna, l-istituzzjoni jew l-Istat Membru li jkunu jixtiequ jintervjenu għandhom iressqu talba f'dan is-sens quddiem it-Tribunal fit-terminu ffissat skont il-paragrafu 1. L-Artikolu 86(2)(a) sa (f), u (3) sa (6) huwa applikabbli għal din it-talba.

3. It-talba għal intervent għandha tiġi nnotifikata lill-partijiet prinċipali sabiex ikunu jistgħu jindikaw, jekk ikun il-każ, l-annessi li fil-fehma tagħhom huma sigrieti jew kunfidenzjali u li, għaldaqstant, ma jkunux jixtiequ li jiġu kkomunikati lill-intervenjenti.

Meta l-partijiet prinċipali ma jkunux indikaw, fit-terminu mogħti, l-annessi jew id-dokumenti sigrieti jew kunfidenzjali li l-komunikazzjoni tagħhom lill-intervenjent ser tkun ta' natura li tikkawżalhom preġudizzju, l-intervent għandu jintlaqa' permezz ta' deċiżjoni tal-President.

Fil-każijiet l-oħra, il-President għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat dwar it-talba għal intervent u, jekk ikun il-każ, dwar il-komunikazzjoni tal-annessi jew tad-dokumenti li n-natura sigrieta jew kunfidenzjali tagħhom tkun ġiet allegata. Il-President jista' wkoll jgħaddi dawn il-kwistjonijiet lit-Tribunal, li jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

4. L-Artikolu 88 huwa applikabbli.

KAPITOLU VI

Fuq il-ftehim bonarju dwar it-tilwim

Artikolu 90

Modalitajiet

1. It-Tribunal jista', f'kull stadju tal-proċedura, jeżamina l-possibbiltajiet ta' ftehim bonarju dwar it-tilwima kollha, jew dwar parti minnha, bejn ir-rikorrent u l-konvenut.

It-Tribunal għandu jinkariga lill-Imħallef Relatur, assistit mir-Reġistratur, sabiex ifittex ftehim bonarju dwar it-tilwima.

2. L-Imħallef Relatur jista' jipproponi soluzzjoni waħda jew iktar li jkunu ta' natura li jtemmu t-tilwima, jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiffaċilita ftehim bonarju dwarha u jista' jimplementa l-miżuri li jkun iddeċieda għal dan il-għan.

B'mod partikolari, huwa jista':

— jistieden lill-partijiet sabiex jipprovdu informazzjoni jew kjarifiki;

— jistieden lill-partijiet sabiex jipproduċu dokumenti;

— jistieden għal laqgħat lir-rappreżentanti tal-partijiet, lill-partijiet stess jew lil kull uffiċjal jew membru ieħor tal-persunal tal-istituzzjoni li jkun awtorizzat jinnegozja ftehim eventwali;

— fl-okkażjoni tal-laqgħat imsemmija fit-tielet inċiż, jiltaqa' b'mod separat ma' kull waħda mill-partijiet, jekk huma jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan;

— jipproponi n-nomina ta' medjatur lill-partijiet.

3. Il-paragrafi 1 u 2 japplikaw ukoll fil-kuntest ta' proċedura għal miżuri provviżorji.

Artikolu 91

Ftehim bejn il-partijiet

1. Meta r-rikorrent u l-konvenut jaslu għal ftehim, quddiem l-Imħallef Relatur, dwar is-soluzzjoni li tagħlaq l-istanza, it-termini ta' dan il-ftehim jistgħu jiġu kkonstatati f'att iffirmat mill-Imħallef Relatur u mir-Reġistratur. Dan l-att għandu jiġi nnotifikat lill-partijiet u jikkostitwixxi att awtentiku.

Il-kawża għandha titħassar mir-reġistru permezz ta' digriet motivat tal-President.

Il-President għandu jikkonstata, fuq talba tar-rikorrent u tal-konvenut, it-termini tal-ftehim fid-digriet ta' thassir.

2. Meta r-rikorrent u l-konvenut jinformaw lit-Tribunal li laħqu ftehim, barra mit-Tribunal, dwar is-soluzzjoni għat-tilwima u jippreċiżaw li qegħdin jirrinunzjaw għal kull pretensjoni, il-President għandu jordna t-thassir tal-kawża.

3. Il-President għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż skont il-ftehim jew, fin-nuqqas ta' ftehim dwar l-ispejjeż, huwa għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu.

Artikolu 92

Ftehim bonarju u proċedura ġudizzjarja

Fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja, it-Tribunal u l-partijiet ma jistgħux jużaw l-opinjonijiet espressi, is-suġġerimenti fformulati, il-proposti ppreżentati, il-konċessjonijiet magħmula jew id-dokumenti ppreparati għall-finijiet tal-ftehim bonarju.

KAPITOLU VII

Fuq is-sentenzi u d-digrieti

Artikolu 93

Data tal-għoti tas-sentenza

Il-partijiet għandhom jiġu informati dwar id-data tal-għoti tas-sentenza.

Artikolu 94

Kontenut tas-sentenza

Is-sentenza għandha tinkludi:

— l-indikazzjoni li tkun qiegħda tingħata mit-Tribunal;

— l-indikazzjoni tal-kulleġġ ġudikanti;

— id-data tal-għoti tagħha;

— l-ismijiet tal-President u tal-Imħallfin li pparteċipaw fid-deliberazzjonijiet, b'indikazzjoni tal-Imħallef Relatur;

— l-isem tar-Reġistratur;

— l-indikazzjoni tal-partijiet;

— l-ismijiet tal-aġenti, tal-konsulenti jew tal-avukati tal-partijiet;

— it-talbiet tal-partijiet;

— jekk ikun il-każ, id-data tas-seduta;

— espożizzjoni fil-qosor tal-fatti;

— ir-raġunijiet;

— id-dispożittiv, inkluża d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

Artikolu 95

Għoti u notifika tas-sentenza

1. Is-sentenza għandha tingħata fil-qorti bil-miftuħ.

2. L-oriġinal tas-sentenza, iffirmat mill-President, mill-Imħallfin li pparteċipaw fid-deliberazzjonijiet u mir-Reġistratur, għandu jiġi ssiġillat u ddepożitat fir-Reġistru; ir-Reġistratur għandu jiżgura li kopja tas-sentenza tiġi nnotifikata lil kull waħda mill-partijiet.

Artikolu 96

Kontenut tad-digriet

1. Kull digriet għandu jinkludi:

— l-indikazzjoni li jkun qiegħed jingħata mit-Tribunal, mill-President tat-Tribunal jew mill-President;

— id-data tal-adozzjoni tiegħu;

— l-indikazzjoni tal-bażi legali li fuqha jkun ibbażat;

— l-isem tal-President u, jekk ikun il-każ, l-ismijiet tal-Imħallfin li pparteċipaw fl-adozzjoni tiegħu, b'indikazzjoni tal-Imħallef Relatur;

— l-isem tar-Reġistratur;

— l-indikazzjoni tal-partijiet;

— l-ismijiet tal-aġenti, tal-konsulenti jew tal-avukati tal-partijiet;

— id-dispożittiv, inkluża, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

2. Fil-każijiet li dawn ir-Regoli jipprovdu li digriet għandu jkun motivat, id-digriet għandu jinkludi wkoll:

— it-talbiet tal-partijiet;

— espożizzjoni fil-qosor tal-fatti;

— ir-raġunijiet.

Artikolu 97

Firma u notifika tad-digriet

L-oriġinal tad-digriet, iffirmat mill-President, għandu jiġi ssiġillat u ddepożitat fir-Reġistru; ir-Reġistratur għandu jiżgura li kopja tad-digriet tiġi nnotifikata lil kull waħda mill-partijiet.

Artikolu 98

Saħħa vinkolanti tas-sentenzi u tad-digrieti

1. Is-sentenza jkollha saħħa vinkolanti sa mill-jum tal-għoti tagħha, bla ħsara għall-Artikolu 12(1) tal-Anness I tal-Istatut.

2. Id-digrieti jkollhom saħħa vinkolanti sa mill-jum tan-notifika tagħhom, bla ħsara għall-Artikolu 12(1) tal-Anness I tal-Istatut.

Artikolu 99

Pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal li jagħlqu l-istanza għandhom ikunu s-suġġett ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

KAPITOLU VIII

Fuq l-ispejjeż u l-ispejjeż tal-qorti

Artikolu 100

Deċiżjoni dwar l-ispejjeż

Id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fis-sentenza jew fid-digriet li jagħlqu l-istanza.

Artikolu 101

Regola ġenerali dwar it-tqassim tal-ispejjeż

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kapitolu, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż tagħha u għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-parti l-oħra, jekk dawn ikunu ntalbu. Il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata wkoll għall-ispejjeż dovuti, jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 105(a) jew (b).

Artikolu 102

Ekwità u spejjeż fiergħa jew vessatorji

1. Meta jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, it-Tribunal jista' jiddeċiedi li parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż tagħha iżda li għandha tiġi kkundannata biss parzjalment għall-ispejjeż sostnuti mill-parti l-oħra, jew saħansitra li ma għandhiex tiġi kkundannata f'dan ir-rigward.

2. Parti li tirbaħ tista' tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż kollha, jew parti minnhom, sostnuti mill-parti l-oħra jekk dan jidher li jkun iġġustifikat minħabba l-aġir tagħha, inkluż qabel ma tkun tressqet il-kawża, b'mod partikolari jekk tkun ikkawżat lill-parti l-oħra spejjeż li jitqiesu li huma fiergħa jew vessatorji.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-Tribunal jista' jiddeċiedi wkoll li jaqsam l-ispejjeż dovuti, jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 105(a) jew (b), u jista' saħansitra jikkundanna lill-parti li tirbaħ tbati dawn l-ispejjeż kollha.

Artikolu 103

Regoli partikolari dwar it-tqassim tal-ispejjeż

1. Jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef, it-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż.

2. Jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Madankollu, jekk dan jidher iġġustifikat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża, it-Tribunal jista' jiddeċiedi li waħda mill-partijiet, minbarra li tbati l-ispejjeż tagħha, għandha tiġi kkundannata wkoll għal parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

3. Jekk ma jsirux talbiet fir-rigward tal-ispejjeż, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

4. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor, l-intervenjenti l-oħra għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

5. Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tbati l-ispejjeż tagħha u għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-parti l-oħra, kif ukoll għall-ispejjeż dovuti, jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 105(a) jew (b), jekk din il-parti l-oħra tkun għamlet talba f'dan is-sens fl-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-rinunzja għall-atti. Madankollu, fuq talba tal-parti li tirrinunzja għall-atti, il-parti l-oħra għandha tbati l-ispejjeż imsemmija jekk dan jidher li huwa ġġustifikat fid-dawl tal-aġir ta' din il-parti l-oħra.

6. Fil-każ li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, it-Tribunal għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

7. Fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tal-ispejjeż, it-Tribunal għandu jiddeċiedi skont il-ftehim.

Artikolu 104

Spejjeż ta' infurzar

L-ispejjeż ta' infurzar li parti kellha tħallas għandhom jiġu rrimborsati mill-parti l-oħra skont it-tariffa li tkun fis-seħħ fl-Istat li fih dan l-infurzar jitwettaq.

Artikolu 105

Spejjeż li jistgħu jinġabru

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 108 u 109, għandhom jitqiesu li huma spejjeż li jistgħu jinġabru:

(a) l-ammonti dovuti lix-xhieda u lill-periti skont l-Artikolu 78;

(b) l-ispejjeż ta' ittra rogatorja ordnata mit-Tribunal skont l-Artikolu 79;

(c) l-ispejjeż indispensabbli li jkunu saru mill-partijiet għall-finijiet tal-proċedura, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ u r-remunerazzjoni ta' aġent, konsulent jew avukat.

Artikolu 106

Kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru

1. Fil-każ ta' kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru, it-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat fuq talba tal-parti kkonċernata u wara li jinstemgħu l-osservazzjonijiet tal-parti l-oħra.

Skont l-Artikolu 11(2) tal-Anness I tal-Istatut, dan id-digriet ma huwiex appellabbli.

2. Il-partijiet jistgħu, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, jitolbu kopja awtentikata tad-digriet.

Artikolu 107

Modalitajiet tal-ħlas

1. Il-ħlasijiet dovuti mill-kaxxier tat-Tribunal u mid-debituri tiegħu għandhom isiru f'Euro.

2. Meta l-ispejjeż rimborsabbli jkunu saru f'munita differenti mill-Euro jew meta l-atti li jagħtu lok għal kumpens ikunu saru f'pajjiż li għandu munita differenti mill-Euro, il-kambju għandu jsir skont ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-jum tal-ħlas.

Artikolu 108

Spejjeż tal-qorti

Il-proċedura quddiem it-Tribunal hija bla ħlas, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk it-Tribunal, fit-trattament ta' rikors jew ta' kull att proċedurali ieħor jew minħabba l-aġir ta' waħda mill-partijiet matul il-proċedura, ikun għamel spejjeż li setgħu jiġu evitati, b'mod partikolari minħabba n-natura manifestament abbużiva ta' dan ir-rikors, ta' dan l-att jew ta' dan l-aġir, it-Tribunal jista' jikkundanna lill-parti li tkun ikkawżathom sabiex tirrimborsahom kompletament jew parzjalment, bil-kundizzjoni li l-ammont ta' dan ir-rimbors ma jaqbiżx l-EUR 8 000;

(b) l-ispejjeż tal-kopji kollha u tat-traduzzjoni magħmula fuq talba ta' parti, li r-Reġistratur jikkunsidra li huma żejda, għandhom jiġu rrimborsati minn din il-parti skont it-tariffa tar-Reġistru msemmija fl-Artikolu 22.

Artikolu 109

Depożitu bħala garanzija għal rikorsi abbużivi

1. Ir-rikorrent li jkun diġà ppreżenta diversi rikorsi jew talbiet taħt l-Artikolu 115 li n-natura manifestament abbużiva tagħhom tkun ġiet ikkonstatata fid-deċiżjonijiet li jagħlqu l-istanza, jista', f'każijiet eċċezzjonali, jekk ir-rikors jew it-talba ġdida tiegħu jidhru manifestament abbużivi, jiġi ordnat mill-President tat-Tribunal jippreżenta, lill-kaxxier tat-Tribunal, depożitu ta' mhux iktar minn EUR 8 000 sabiex ikopri l-ammont ta' kundanna eventwali taħt l-Artikolu 108.

Id-deċiżjoni li tordna d-depożitu bħala garanzija għandha tkun debitament motivata. Din id-deċiżjoni għandha tiffissal-ammont tad-depożitu meħtieġ.

2. Il-proċedura għandha tibqa' sospiża sakemm isir id-depożitu.

Is-somma ddepożitata, miżjuda bl-interessi ġġenerati minnha, għandha titħallas lura jekk id-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza ma tikkundannax lir-rikorrent taħt l-Artikolu 108 jew sa fejn tkun iktar mill-ammont ta' din il-kundanna.

3. Jekk is-somma ma tiġix iddepożitata fit-terminu ffissat mill-President tat-Tribunal, l-istanza għandha tingħalaq skont l-Artikolu 85(2).

4. Il-President tat-Tribunal li jkun ħa d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jastjeni milli jipparteċipa fid-deċiżjoni dwar ir-rikors.

KAPITOLU IX

Fuq l-għajnuna legali

Artikolu 110

Kundizzjonijiet sostantivi

1. Kull persuna li, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha, ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż kollha tal-istanza jew parti minnhom, tista' tibbenefika mill-għajnuna legali.

Is-sitwazzjoni ekonomika għandha tiġi evalwata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi oġġettivi bħad-dħul, il-kapital u s-sitwazzjoni familjari.

2. L-għajnuna legali għandha tiġi rrifjutata jekk il-kawża li fir-rigward tagħha tintalab tkun tidher manifestament inammissibbli jew manifestament infondata jew jekk it-Tribunal manifestament ma jkollux kompetenza sabiex jieħu konjizzjoni tagħha.

Jekk it-Tribunal jikkonstata li t-tilwima taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ġenerali, huwa għandu jirreferi t-talba għal għajnuna legali lil dik il-qorti.

Artikolu 111

Kundizzjonijiet proċedurali

1. It-talba għal għajnuna legali tista' titressaq qabel il-preżentata tar-rikors jew sakemm dan ikun għadu pendenti.

Ma huwiex meħtieġ li t-talba titressaq permezz ta' avukat.

2. It-talba għal għajnuna legali għandha titressaq skont il-mudell adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 132 u li jinsab disponibbli fuq is-sit Internet tat-Tribunal. Din it-talba għandha tiġi ffirmata mill-persuna li qed tressaqha jew, meta din ikollha rappreżentant, minn avukat.

3. It-talba għal għajnuna legali għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn kollha li permezz tagħhom tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li qed tressaqha, bħal ma jista' jkun ċertifikat maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti li jattesta din is-sitwazzjoni ekonomika.

Jekk it-talba titressaq qabel il-preżentata tar-rikors, il-persuna li tressaqha għandha tinkludi espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tar-rikors li tkun qiegħda tikkunsidra li tippreżenta, tal-fatti inkwistjoni u tal-argumenti insostenn tar-rikors. Mat-talba għandhom jitressqu dokumenti ta' sostenn f'dan ir-rigward.

Jekk il-persuna li tressaq it-talba tkun irrappreżentata minn avukat, mat-talba għal għajnuna legali għandu jiġi ppreżentat id-dokument imsemmi fl-Artikolu 31(2).

Artikolu 112

Proċedura u deċiżjoni

1. Qabel ma jiddeċiedi dwar it-talba għal għajnuna legali, it-Tribunal għandu jistieden lill-parti l-oħra sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, sakemm mill-elementi ppreżentati ma jkunx jidher diġà li din it-talba għandha tiġi rrifjutata fuq il-bażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110(1) jew tal-Artikolu 110(2).

2. Id-deċiżjoni dwar it-talba għal għajnuna legali għandha tittieħed permezz ta' digriet mill-President tat-Tribunal jew, jekk il-kawża tkun diġà ġiet assenjata lil awla, mill-President tagħha. Din id-deċiżjoni tista' tiġi mgħoddija lill-awla. Din id-deċiżjoni għandha tiġi mgħoddija lill-awla meta jkun qiegħed jiġi kkunsidrat li t-talba tiġi miċħuda fuq il-bażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110(2).

Id-digriet li permezz tiegħu tiġi rrifjutata l-għajnuna legali għandu jkun motivat.

3. Fid-digriet li permezz tiegħu tingħata l-għajnuna legali għandu jiġi nnominat avukat sabiex jirrappreżenta lill-persuna kkonċernata.

Jekk il-persuna kkonċernata ma tkunx ipproponiet avukat hija stess jew jekk ma jkunx hemm lok li l-għażla tagħha tiġi kkonfermata, ir-Reġistratur għandu jibgħat id-digriet li permezz tiegħu tingħata l-għajnuna u kopja tat-talba lill-awtorità kompetenti tal-Istat ikkonċernat imsemmija fir-Regoli Addizzjonali għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-avukat inkarigat li jirrappreżenta lill-persuna li tkun ressqet it-talba għandu jiġi nnominat fid-dawl tal-proposti mibgħuta minn din l-awtorità.

4. Id-digriet li permezz tiegħu tingħata l-għajnuna legali jista' jiddetermina ammont li ser jitħallas lill-avukat inkarigat li jirrappreżenta lill-persuna kkonċernata jew jista' jistabbilixxi limitu massimu li bħala prinċipju ma jistax jinqabeż mill-ispejjeż u mill-onorarji tal-avukat. Id-digriet jista' jipprevedi kontribuzzjoni min-naħa tal-persuna kkonċernata għall-ispejjeż tal-kawża, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha.

5. It-tressiq ta' talba għal għajnuna legali jissospendi t-terminu previst għall-preżentata tar-rikors sad-data tan-notifika tad-digriet li permezz tiegħu tittieħed deċiżjoni dwar din it-talba jew, fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, tad-digriet li jinnomina l-avukat inkarigat li jirrappreżenta lill-persuna li tkun ressqet it-talba.

6. Id-digrieti adottati skont dan l-artikolu ma jistgħux jiġu kkontestati.

Artikolu 113

Ħlasijiet bil-quddiem u teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż

1. Fil-każ li jingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali, il-kaxxier tat-Tribunal għandu jħallas, jekk ikun il-każ fil-limiti stabbiliti fid-digriet imsemmi fl-Artikolu 112(2) u (4), l-ispejjeż marbuta mar-rappreżentanza quddiem it-Tribunal tal-persuna li tkun ressqet it-talba għal għajnuna legali.

Fuq talba tal-avukat innominat skont l-Artikolu 112(3), il-President jista' jordna li jsir ħlas bil-quddiem lil dan l-avukat.

2. Meta, bis-saħħa tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza, il-benefiċjarju tal-għajnuna legali jkollu jbati l-ispejjeż tiegħu, il-President għandu jistabbilixxi l-ispejjeż u l-onorarji tal-avukat li għandhom jitħallsu mill-kaxxier tat-Tribunal permezz ta' digriet motivat li ma jistax jiġi kkontestat. Huwa jista' jirreferi din il-kwistjoni lit-Tribunal.

3. Meta, fid-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza, it-Tribunal ikun ikkundanna parti oħra tbati l-ispejjeż tal-benefiċjarju tal-għajnuna legali, din il-parti l-oħra għandha tirrimborsa lill-kaxxier tat-Tribunal l-ammonti mħallsa bil-quddiem bħala għajnuna.

Fil-każ ta' kontestazzjoni jew jekk il-parti ma tonorax talba tar-Reġistratur sabiex tirrimborsa dawn l-ammonti, il-President għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet motivat li ma jistax jiġi kkontestat. Il-President jista' jirreferi din il-kwistjoni lit-Tribunal.

4. Meta l-benefiċjarju tal-għajnuna legali jitlef, it-Tribunal jista', jekk dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, meta jiddeċiedi dwar l-ispejjeż fid-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza, jordna li waħda jew iktar mill-partijiet l-oħra għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom jew li l-ispejjeż kollha jew parti minnhom għandhom jitħallsu mill-kaxxier tat-Tribunal bħala għajnuna legali.

Artikolu 114

Irtirar tal-għajnuna legali

1. Jekk il-kundizzjonijiet li wasslu sabiex jingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali jinbidlu matul l-istanza, il-President jista', *ex officio* jew fuq talba, u wara li tinstemal-parti kkonċernata, jirtira dan il-benefiċċju. Huwa jista' jirreferi din il-kwistjoni lit-Tribunal.

2. Id-digriet li permezz tiegħu tiġi rtirata l-għajnuna legali għandu jkun motivat u ma jistax jiġi kkontestat.

KAPITOLU X

Fuq il-proċeduri speċjali

Taqsima 1

Fuq is-sospensjoni u fuq il-proċeduri għal miżuri provviżorji oħra

Artikolu 115

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni jew għal miżuri provviżorji oħra

1. Kull talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att ta' istituzzjoni taħt l-Artikoli 278 TFUE u 157 TKEEA hija ammissibbli biss jekk min iressaq it-talba jkun ikkontesta dan l-att b'rikors quddiem it-Tribunal.

Kull talba għal waħda mill-miżuri provviżorji l-oħra msemmija fl-Artikolu 279 TFUE hija ammissibbli biss jekk titressaq minn parti f'kawża mressqa quddiem it-Tribunal u jekk tirreferi għall-kawża msemmija.

It-talbiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi jistgħu jitressqu malli jitressaq l-ilment previst fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 91(4) tal-istess Regolamenti.

2. It-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw is-suġġett tal-kawża, iċ-ċirkustanzi li jistabbilixxu l-urġenza, kif ukoll il-motivi ta' fatt u ta' liġi li jiġġustifikaw *prima facie* l-adozzjoni tal-miżura provviżorja mitluba.

Dawn it-talbiet għandhom jitressqu permezz ta' att separat u skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 45 u 50.

Artikolu 116

Proċedura

1. It-talba għandha tiġi nnotifikata lill-parti l-oħra u l-President tat-Tribunal għandu jiffissa għal din il-parti l-oħra terminu qasir għall-preżentata tal-osservazzjonijiet bil-miktub jew orali tagħha.

2. Il-President tat-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar it-talbiet imressqa skont l-Artikolu 115(1).

Il-President tat-Tribunal jista' jilqa' t-talba anki qabel ma l-parti l-oħra tkun ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha. Din il-miżura tista' tiġi sussegwentement emendata jew irrevokata, anki *ex officio*.

Il-President tat-Tribunal għandu jadotta, jekk ikun il-każ, miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u miżuri istruttorji.

3. Id-dokumenti u l-osservazzjonijiet ippreżentati barra mill-kuntest tal-proċedura prevista fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jiddaħħlu fil-proċess, sakemm il-President tat-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor fid-dawl ta' ċirkustanzi partikolari.

Artikolu 117

Deċiżjoni dwar it-talba

1. Id-deċiżjoni dwar it-talba għandha tingħata permezz ta' digriet motivat. Dan id-digriet għandu jiġi nnotifikat minnufih lill-partijiet.

2. L-eżekuzzjoni tad-digriet tista' tiġi suġġetta għad-depożitu, minn min iressaq it-talba, ta' garanzija li l-ammont u l-modalitajiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti fid-dawl taċ-ċirkustanzi.

3. Id-digriet jista' jiffissa data li fiha l-miżura ma tibqax effettiva. Jekk tali data ma tiġix iffissata, il-miżura ma tibqax effettiva hekk kif tingħata s-sentenza li tagħlaq l-istanza.

4. Id-digriet huwa ta' natura provviżorja u bl-ebda mod ma jippreġudika d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar is-suġġett prinċipali tal-kawża.

Artikolu 118

Bidla fiċ-ċirkustanzi

Fuq talba ta' parti, id-digriet jista', f'kull ħin, jiġi emendat jew irrevokat minħabba bidla fiċ-ċirkustanzi.

Artikolu 119

Talba ġdida

Iċ-ċaħda ta' talba għal miżura provviżorja ma żżommx lill-parti li kienet ressqitha milli tressaq talba oħra bbażata fuq fatti ġodda.

Artikolu 120

Sospensjoni tal-infurzar

1. It-talba mressqa taħt l-Artikoli 280 TFUE u 299 TFUE u 164 TKEEA u intiża għas-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew ta' att tal-Kunsill, tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Bank Ċentrali Ewropew għandha tiġi rregolata mid-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima.

2. Jekk ikun il-każ, id-digriet li jilqa' t-talba għandu jiffissa d-data li fiha l-miżura provviżorja ma tibqax effettiva.

Taqsima 2

Fuq is-sentenzi fil-kontumaċja

Artikolu 121

Sentenzi fil-kontumaċja

1. Jekk il-konvenut, regolarment intimat, ma jirrispondix għar-rikors fil-forma u fit-termini previsti, ir-rikorrent jista' jitlob lit-Tribunal jilqa' t-talbiet tiegħu.

Din it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-konvenut. It-Tribunal jista' jiddeċiedi li jiftaħ il-fażi orali tal-proċedura fir-rigward tat-talba.

2. Qabel ma jagħti sentenza fil-kontumaċja, it-Tribunal għandu jeżamina l-ammissibbiltà tar-rikors u għandu jivverifika jekk il-formalitajiet ġewx regolarment osservati u jekk it-talbiet tar-rikorrent jidhrux li huma fondati. Huwa jista' jieħu miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew jordna miżuri istruttorji.

3. Sentenza fil-kontumaċja hija eżekuttiva.

Madankollu, it-Tribunal jista' jissospendi l-eżekuzzjoni tagħha sakemm jiddeċiedi dwar l-oppożizzjoni mressqa skont l-Artikolu 41 tal-Istatut u jista' anki jissuġġetta l-eżekuzzjoni tagħha għal depożitu ta' garanzija li l-ammont u l-modalitajiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti fid-dawl taċ-ċirkustanzi; din il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata jekk ma titressaqx oppożizzjoni jew fil-każ li din l-oppożizzjoni tiġi miċħuda.

KAPITOLU XI

Fuq it-talbiet u r-rikorsi li jikkonċernaw is-sentenzi u d-digrieti

Taqsima 1

Fuq ir-rettifika

Artikolu 122

Rettifika ta' deċiżjonijiet

1. L-iżbalji tal-pinna jew ta' kalkolu u l-ineżattezzi evidenti jistgħu jiġu rrettifikati permezz ta' digriet mit-Tribunal, *ex officio* jew fuq talba ta' parti mressqa f'terminu ta' ġimagħtejn li jiddekorri min-notifika tad-deċiżjoni li għandha tiġi rrettifikata.

2. Meta r-rettifika tikkonċerna d-dispożittiv jew waħda mir-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat id-dispożittiv, il-partijiet, debitament informati, jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub f'terminu ffissat mit-Tribunal.

3. L-oriġinal tad-digriet ta' rettifika għandu jiġi anness mal-oriġinal tad-deċiżjoni rrettifikata. Fil-marġni tal-oriġinal tad-deċiżjoni rrettifikata għandu jsir notament dwar id-digriet ta' rettifika.

Taqsima 2

Fuq in-nuqqas li tingħata deċiżjoni

Artikolu 123

Nuqqas li tingħata deċiżjoni dwar l-ispejjeż

1. Jekk it-Tribunal jonqos milli jiddeċiedi dwar l-ispejjeż, il-parti li jkollha l-intenzjoni tinvoka dan in-nuqqas għandha tressaq talba f'dan is-sens lit-Tribunal permezz ta' rikors fi żmien xahar min-notifika tad-deċiżjoni.

2. Ir-rikors għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra u l-President għandu jiffissa għal din il-parti l-oħra terminu sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

3. Wara l-preżentata ta' dawn l-osservazzjonijiet, it-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà u, fl-istess ħin, dwar il-fondatezza tat-talba.

Taqsima 3

Fuq l-oppożizzjoni

Artikolu 124

Oppożizzjoni

1. Skont l-Artikolu 41 tal-Istatut, is-sentenza mogħtija fil-kontumaċja tista' tkun suġġetta għal oppożizzjoni.

2. L-oppożizzjoni għandha ssir f'terminu ta' xahar li jiddekorri min-notifika tas-sentenza. L-oppożizzjoni għandha tiġi ppreżentata skont il-formalitajiet indikati fl-Artikoli 45 u 50.

3. L-oppożizzjoni għandha tiġi assenjata lill-kulleġġ ġudikanti li jkun ta d-deċiżjoni kkontestata.

4. Wara n-notifika tal-oppożizzjoni, il-President għandu jiffissa terminu sabiex il-parti l-oħra tippreżenta l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

5. Il-proċedura għandha titkompla skont l-Artikoli 36 sa 48, 56 sa 85 u 90 sa 114.

Jekk l-oppożizzjoni ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jew fl-Artikolu 46, ir-Reġistratur għandu jiffissa għall-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tal-oppożizzjoni. L-istess regoli japplikaw għall-osservazzjonijiet bil-miktub previsti f'dan l-artikolu.

6. It-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' sentenza li ma tistax tkun suġġetta għal oppożizzjoni. L-oriġinal ta' din is-sentenza għandu jiġi anness mal-oriġinal tas-sentenza fil-kontumaċja. Fil-marġni tal-oriġinal tas-sentenza fil-kontumaċja għandu jsir notament dwar is-sentenza mogħtija wara oppożizzjoni.

Taqsima 4

Fuq l-oppożizzjoni minn terzi

Artikolu 125

Oppożizzjoni minn terzi

1. Skont l-Artikolu 42 tal-Istatut, tista' ssir oppożizzjoni minn terzi kontra deċiżjoni mogħtija mingħajr ma t-terz jissejjaħ fil-kawża, jekk id-deċiżjoni tippreġudika d-drittijiet tiegħu.

It-talba għandha titressaq fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 45 u 50 huma applikabbli għat-talba għal oppożizzjoni minn terzi; barra minn hekk, din it-talba għandha:

(a) tispeċifika d-deċiżjoni kkontestata;

(b) tindika kif id-deċiżjoni kkontestata tippreġudika d-drittijiet tat-terzi li jagħmlu l-oppożizzjoni;

(c) tindika r-raġunijiet għaliex it-terzi li jagħmlu l-oppożizzjoni ma setgħux jipparteċipaw fil-kawża quddiem it-Tribunal.

3. It-talba għal oppożizzjoni minn terzi għandha titressaq kontra l-partijiet kollha fil-kawża. Din it-talba għandha tiġi assenjata lill-kulleġġ ġudikanti li jkun ta d-deċiżjoni kkontestata.

Wara n-notifika tal-oppożizzjoni minn terzi, il-President għandu jiffissa terminu sabiex il-partijiet l-oħra jippreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.

Il-proċedura għandha titkompla skont l-Artikoli 36 sa 48, 56 sa 85 u 90 sa 114.

Jekk l-oppożizzjoni minn terzi ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jew fl-Artikolu 46, ir-Reġistratur għandu jiffissa għall-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tal-oppożizzjoni minn terzi. L-istess regoli japplikaw għall-osservazzjonijiet bil-miktub previsti f'dan l-artikolu.

4. Id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi emendata sa fejn tintlaqa' l-oppożizzjoni minn terzi.

L-oriġinal tas-sentenza mogħtija wara oppożizzjoni minn terzi għandu jiġi anness mal-oriġinal tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-marġni tal-oriġinal tad-deċiżjoni kkontestata għandu jsir notament dwar is-sentenza mogħtija wara oppożizzjoni minn terzi.

5. Meta appell quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talba għal oppożizzjoni minn terzi quddiem it-Tribunal jitressqu kontra l-istess deċiżjoni tat-Tribunal, dan tal-aħħar jista', wara li jinstemgħu l-partijiet, jissospendi l-proċedura.

6. Is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tista' tiġi ordnata fuq talba tat-terzi li jagħmlu l-oppożizzjoni. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu X ta' dan it-Titolu huma applikabbli.

Taqsima 5

Fuq l-interpretazzjoni tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal

Artikolu 126

Interpretazzjoni tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal

1. Skont l-Artikolu 43 tal-Istatut, fil-każ ta' dubju dwar it-tifsira jew il-portata ta' sentenza jew ta' digriet, huwa t-Tribunal li għandu jinterpretaha, fuq talba ta' parti jew ta' istituzzjoni li turi li jkollha interess f'dan.

It-talba għal interpretazzjoni għandha titressaq f'terminu ta' sentejn li jiddekorri mid-data tal-għoti tas-sentenza jew tannotifika tad-digriet.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 45 u 50 huma applikabbli għat-talba għal interpretazzjoni; barra minn hekk, din it-talba għandha:

(a) tispeċifika d-deċiżjoni kkonċernata;

(b) tindika l-partijiet li tagħhom tkun qiegħda tintalab l-interpretazzjoni.

It-talba għal interpretazzjoni għandha titressaq kontra l-partijiet kollha fil-kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni kkonċernata mit-talba għal interpretazzjoni. Din it-talba għandha tiġi assenjata lill-kulleġġ ġudikanti li jkun ta d-deċiżjoni kkonċernata minn din it-talba.

3. It-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' sentenza wara li jagħti lill-partijiet il-possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

L-oriġinal tas-sentenza ta' interpretazzjoni għandu jiġi anness mal-oriġinal tad-deċiżjoni interpretata. Fil-marġni tal-oriġinal tad-deċiżjoni interpretata għandu jsir notament dwar is-sentenza ta' interpretazzjoni.

4. Meta appell quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talba għal interpretazzjoni quddiem it-Tribunal jitressqu kontra l-istess deċiżjoni tat-Tribunal, dan tal-aħħar jista', wara li jinstemgħu l-partijiet, jissospendi l-proċedura.

Taqsima 6

Fuq ir-reviżjoni

Artikolu 127

Reviżjoni

1. Skont l-Artikolu 44 tal-Istatut, ir-reviżjoni ta' deċiżjoni tat-Tribunal tista' tintalab biss għar-raġuni li jiġi skopert fatt ta' natura tali li jkollu influwenza deċiżiva u li, qabel l-għoti jew l-adozzjoni tad-deċiżjoni, ma kienx magħruf mit-Tribunal u mill-parti li titlob ir-reviżjoni.

Bla ħsara għat-terminu ta' għaxar snin previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 44 tal-Istatut, ir-reviżjoni għandha tintalab f'terminu ta' tliet xhur li jiddekorri mill-jum li fih min iressaq it-talba jkun sar jaf bil-fatt li fuqu tkun ibbażata t-talba għal reviżjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 45 u 50 huma applikabbli għat-talba għal reviżjoni; barra minn hekk, din it-talba għandha:

(a) tispeċifika d-deċiżjoni kkontestata;

(b) tindika l-punti li fir-rigward tagħhom id-deċiżjoni qiegħda tiġi kkontestata;

(c) tispeċifika l-fatti li fuqhom it-talba hija bbażata;

(d) tindika l-provi intiżi sabiex juru l-eżistenza ta' fatti li jiġġustifikaw ir-reviżjoni u sabiex jistabbilixxu li t-termini previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu ġew osservati.

It-talba għal reviżjoni għandha titressaq kontra l-partijiet kollha fil-kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni kkontestata.

Din it-talba għandha tiġi assenjata lill-kulleġġ ġudikanti li jkun ta d-deċiżjoni kkontestata.

3. Bla ħsara għad-deċiżjoni fil-mertu, it-Tribunal, wara li jikkunsidra l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet, għandu jiddeċiedi permezz ta' digriet dwar l-ammissibbiltà tat-talba.

4. Jekk it-Tribunal jiddikjara t-talba ammissibbli, il-proċedura għandha titkompla oralment, sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor.

Fil-każ li t-Tribunal jiddeċiedi li għandhom jiġu ppreżentati noti, il-proċedura titkompla skont l-Artikoli 36 sa 48, 56 sa 85 u 90 sa 114.

Jekk it-talba għal reviżjoni ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jew fl-Artikolu 46, ir-Reġistratur għandu jiffissa għall-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tat-talba. L-istess regoli japplikaw għall-osservazzjonijiet bil-miktub u għan-noti previsti f'dan l-artikolu.

5. It-Tribunal għandu jiddeċiedi permezz ta' sentenza.

L-oriġinal tas-sentenza ta' reviżjoni għandu jiġi anness mal-oriġinal tad-deċiżjoni rriveduta. Fil-marġni tal-oriġinal tad-deċiżjoni rriveduta għandu jsir notament dwar is-sentenza ta' reviżjoni.

6. Meta appell quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talba għal reviżjoni quddiem it-Tribunal jitressqu kontra l-istess deċiżjoni tat-Tribunal, dan tal-aħħar jista', wara li jinstemgħu l-partijiet, jissospendi l-proċedura.

Taqsima 7

Fuq il-kawżi mibgħuta lura quddiem it-Tribunal wara annullament

Artikolu 128

Kawża mibgħuta lura wara annullament

Meta l-Qorti Ġenerali tannulla sentenza jew digriet tat-Tribunal u tiddeċiedi li tibgħat lura l-kawża quddiem it-Tribunal sabiex jaqtagħha, skont l-Artikolu 13 tal-Anness I tal-Istatut, it-Tribunal ikun adit bil-kawża permezz tas-sentenza li tibgħatha lura quddiemu.

Artikolu 129

Assenjazzjoni tal-kawża mibgħuta lura

1. Il-President tat-Tribunal għandu jassenja l-kawża jew lill-kulleġġ ġudikanti li jkun ta d-deċiżjoni annullata jew lil kulleġġ ġudikanti ieħor, u għandu jinnomina bħala Mħallef Relatur Imħallef differenti minn dak li kellu din il-kariga fil-kawża li wasslet għall-appell.

2. Meta d-deċiżjoni annullata tkun ingħatat minn Imħallef uniku, il-President tat-Tribunal għandu jassenja l-kawża lil awla bi tliet Imħallfin, li minnha dan l-Imħallef ma jkunx jagħmel parti.

Artikolu 130

Proċedura għall-eżami tal-kawża mibgħuta lura

1. F'terminu ta' xahrejn li jiddekorri min-notifika tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tkun saritlu, ir-rikorrent jista' jippreżenta nota dwar il-punti ta' liġi li jkunu ġġustifikaw li d-deċiżjoni tiġi annullata u li l-kawża tintbagħat lura.

2. In-nota tar-rikorrent jew ittra tat-Tribunal li tinforma lill-konvenut li tali nota ma ġietx ippreżentata fit-terminu mogħti għandhom jiġu nnotifikati lill-konvenut. Il-konvenut jista' jippreżenta nota fi żmien xahar minn din in-notifika. It-terminu mogħti lill-konvenut sabiex jippreżenta din in-nota fl-ebda każ ma jista' jkun ta' inqas minn xahrejn min-notifika tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tkun saritlu.

3. In-noti tar-rikorrent u tal-konvenut jew ittra tat-Tribunal li tindika l-assenza ta' nota min-naħa taż-żewġ partijiet jew min-naħa ta' waħda minnhom għandhom jiġu nnotifikati fl-istess ħin lill-intervenjent. L-intervenjent jista' jippreżenta nota fi żmien xahar minn din in-notifika.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 3, meta, quddiem it-Tribunal, il-fażi bil-miktub tal-proċedura ma kinitx intemmet meta ngħatat is-sentenza li tibgħat lura l-kawża, il-proċedura għandha titkompla mill-istadju li fih kienet tinsab, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati mit-Tribunal.

5. Jekk dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkustanzi, it-Tribunal jista' jawtorizza l-preżentata ta' noti komplementari.

6. Il-proċedura għandha titkompla skont l-Artikoli 36 sa 48, 56 sa 85 u 90 sa 114.

7. Jekk nota prevista f'dan l-artikolu ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 45(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jew fl-Artikolu 46, ir-Reġistratur għandu jiffissa għall-parti kkonċernata terminu għall-finijiet ta' regolarizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu ffissat, it-Tribunal għandu jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet jimplikax l-inammissibbiltà formali tan-nota.

8. B'deroga mill-paragrafu 6, it-Tribunal jista' jiddeċiedi, bil-kunsens tal-partijiet, li jaqtal-kawża mingħajr seduta.

Artikolu 131

Spejjeż wara li kawża tintbagħat lura

It-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż marbuta, minn naħa, mal-proċeduri quddiemu u, min-naħa l-oħra, mal-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti Ġenerali.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 132

Dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni

Permezz ta' att separat, it-Tribunal jista' jadotta dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni ta' dawn ir-Regoli.

Artikolu 133

Tħassir

Dawn ir-Regoli jissostitwixxu r-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal adottati fil-25 ta' Lulju 2007, kif emendati l-aħħar fit-18 ta' Mejju 2011 (*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* L 162, 22.6.2011, p. 19).

Artikolu 134

Pubblikazzjoni u dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura

Dawn ir-Regoli, li huma awtentiċi fil-lingwi tal-kawża msemmija fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawn ir-Regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

Adottati fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Mejju 2014.

W. HAKENBERG

Reġistratur

S. VAN RAEPENBUSCH

President